Nru./No. 21,119
Prezz/Price
€7.38

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru, 2023
Friday, 22nd September, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 10,821 - 10,839
Government Notices ..... *10,821 - 10,839*

Avviżi tal-Pulizija ..... 10,839 - 10,842
Police Notices ..... *10,839 - 10,842*

Avviżi lill-Baħħara ..... 10,842 - 10,844
Notices to Mariners ..... *10,842 - 10,844*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 10,844 - 10,942
Employment Opportunities ..... *10,844 - 10,942*

Avviżi tal-Gvern ..... 10,942 - 10,950
Notices ..... *10,942 - 10,950*

Offerti ..... 10,950 - 10,954
Tenders ..... *10,950 - 10,954*

Avviżi tal-Qorti ..... 10,954 - 10,980
Court Notices ..... *10,954 - 10,980*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1287

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru nhar it-Tlieta, 19 ta' Settemebru, 2023, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

It-18 ta' Settembru, 2023
(OPM/19/2022)

Nru. 1288

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet approva l-ħatra temporanj li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	20.9.2023 till 23.9.2023

It-22 ta' Settembru, 2023

Nru. 1289

AKKWIST TA' ART

PROKLAMA TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Billi bl-artikolu 71 skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta, huwa pprovdut illi l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara b'avviż illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' clearance jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 71 tal-imsemmija Att, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

It-22 ta' Settembru, 2023
(File No. L/0312/2023)

GOVERNMENT NOTICES

No. 1287

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government, assumes the additional duties of the Prime Minister on Tuesday, 19th September, 2023, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

18th September, 2023

No. 1288

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, European Funds and Lands has approved the following Acting Appointment:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	20.9.2023 till 23.9.2023

22nd September, 2023

No. 1289

ACQUISITION OF LAND

PROCLAMATION BY THE LANDS AUTHORITY

Whereas by the provisions of section 71 in accordance with the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta, the Board of Governors of the Lands Authority can for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 71 of the mentioned Act, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

22nd September, 2023

Skeda

Art f'Ħaż-Żabbar:

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka ta' madwar 94.62 metri twila, b'1.80 metri wiesgħa u b'fond varju u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'biċċa art tal-kejl ta' madwar 968 metru kwadru, liema art tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka ta' madwar 136 metri twila, b'1.80 metri wiesgħa u b'fond varju u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'biċċa art tal-kejl ta' madwar 968 metru kwadru, liema art tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kuluri aħmar u blu rispettivament fuq il-pjanta P.D. 2023_0483, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Id-19 ta' Settembru, 2023

Nru. 1290

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Emenda fl-Iskedar ta' Proprjetà

WARA d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Eżekuttiv bid-data tal-1 ta' Awwissu, 2023, u d-29 ta' Awwissu, 2023, l-estent tal-iskedar li ġej qiegħed jiġi emendat (m'hemm l-ebda tibdil fil-grad 2 li biha din il-proprjetà ġiet skedata).

B'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1,052 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,482 tal-11 ta' Settembru, 2020, il-pjanta li tikkonċerna l-proprjetà li ġejja qiegħda tiġi sostitwita bil-mappa mehmuża ma' din in-notifikazzjoni f'paġna 10,823:

Nru. 15 Triq il-Wileġ

L-Awtorità dwar l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikoli 57 u 97 sa 100 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-22 ta' Settembru, 2023

Schedule

Land in Ħaż-Żabbar:

1. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench about 94.62 metres long, with a width of 1.80 metres and variable depth and laying of services for an indefinite period, in a plot of land of the area of about 968 metres square, which land is bounded on the North, on the South and on the East by property of unknown owners or more precise boundaries.

2. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench about 136 metres long, with a width of 1.80 metres and variable depth and laying of services for an indefinite period, in a plot of land of the area of about 968 metres square, which land is bounded on the North, on the South and on the East by property of unknown owners or more precise boundaries.

The above-mentioned land is shown with the colours red and blue respectively on plan marked P.D. 2023_0483, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

19th September, 2023

No. 1290

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (ARTICLE 57)

Amendment of Scheduling of Property


FOLLOWING the decisions of the Executive Council dated 1st August, 2023, and 29th August, 2023, the following scheduling extent is being amended (there has been no change in the grade 2 in which this property was scheduled).

With reference to Government Notice No. 1,052 published in the Government Gazette No. 20,482 of the 11th September, 2020, the map referring to the property mentioned below shall be superseded by the map attached to this notice on page 10,823:

San Lawrenz, Għawdex Mappa 1

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Articles 57 and 97 to 100 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Planning Act with regards to scheduled property.

22nd September, 2023


PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Proposed Correction of Scheduling of Property
Nru. 15,
Triq il-Wileġ,
San Lawrenz
Legend:
Nru. 15
Triq il-Wileġ
San Lawrenz
Grade 2
Site was scheduled as per GN 1052/20 as Grade 2.
Proposed Correction of extent only. Site is to remain at Grade 2.
Ref. No.: GF 0045/20
Map No.: 1
0
5
10
20
Meters

Nru. 1291

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Il-Popolazzjoni Stmata għal kull Lokalità
l-1 ta' Jannar, 2022

GĦALL-FINI tal-artikolu 73 tat-Taqsima VII tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed hawn taħt jagħti l-popolazzjoni ta' kull lokalità kif imfissra fl-Att:

	Lokalità u Kodiċi *Locality and Code*	Popolazzjoni *Population*
01	Il-Belt Valletta	5,163
02	L-Imdina	199
03	Il-Birgu	2,254
04	L-Isla	2,296
05	Bormla	4,661
06	Ħal Qormi	18,165
07	Ħaż-Żebbuġ	13,802
08	Ħaż-Żabbar	17,148
09	Is-Siġġiewi	9,376
10	Iż-Żejtun	12,406
11	Ir-Rabat, Għawdex	7,237
12	Ħ'Attard	12,282
13	Ħal Balzan	4,777
14	Birkirkara	25,808
15	Birżebbuġa	11,839
16	Ħad-Dingli	3,809
17	Il-Fgura	13,065
18	Il-Furjana	1,985
19	Il-Fontana	1,044
20	Il-Gudja	3,241
21	Il-Gżira	10,378
22	Għajnsielem (u Kemmuna)	3,524
23	L-Għarb	1,552
24	Ħal Għargħur	3,751
25	L-Għasri	515
26	Ħal Għaxaq	5,544
27	Il-Ħamrun	10,550
28	L-Iklin	3,418
29	Il-Kalkara	3,094
30	Ta' Kerċem	1,878
31	Ħal Kirkop	2,526
32	Ħal Lija	3,318
33	Ħal Luqa	7,245
34	Il-Marsa	5,467

No. 1291

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Estimated Population by Locality
1st January, 2022

FOR the purpose of article 73 of Part VII of the Local Councils Act, the Minister for Finance and Employment hereunder states the population estimates for each locality as defined in the Act:

	Lokalità u Kodiċi *Locality and Code*	Popolazzjoni *Population*
35	Marsaskala	16,793
36	Marsaxlokk	3,974
37	Il-Mellieħa	12,734
38	L-Imġarr	4,838
39	Il-Mosta	23,489
40	L-Imqabba	3,527
41	L-Imsida	13,612
42	Il-Munxar	1,708
43	In-Nadur	4,546
44	In-Naxxar	16,909
45	Paola	9,322
46	Pembroke	3,574
47	Tal-Pietà	5,909
48	Il-Qala	2,299
49	Il-Qrendi	3,162
50	Ir-Rabat	11,921
51	Ħal Safi	2,625
52	San Ġiljan	11,839
53	San Ġwann	14,299
54	San Lawrenz	777
55	San Pawl il-Baħar	31,958
56	Ta' Sannat	2,185
57	Santa Luċija	2,625
58	Santa Venera	8,872
59	Tas-Sliema	19,615
60	Is-Swieqi	13,068
61	Ta' Xbiex	2,117
62	Ħal Tarxien	9,474
63	Ix-Xagħra	5,159
64	Ix-Xewkija	3,546
65	Ix-Xgħajra	2,209
66	Iż-Żebbuġ	3,297
67	Iż-Żurrieq	12,309
68	L-Imtarfa	2,566
	Totali/*Total*	**520,174**

Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO)
Source: National Statistics Office (NSO)

It-22 ta' Settembru, 2022

22nd September, 2022

Nru. 1292

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Il-Popolazzjoni Stmata għal kull Lokalità
l-1 ta' Jannar, 2023

GĦALL-FINI tal-artikolu 73 tat-Taqsima VII tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed hawn taħt jagħti l-popolazzjoni ta' kull lokalità kif imfissra fl-Att:

	Lokalità u Kodiċi *Locality and Code*	Popolazzjoni *Population*
01	Il-Belt Valletta	5,182
02	L-Imdina	202
03	Il-Birgu	2,266
04	L-Isla	2,332
05	Bormla	4,700
06	Ħal Qormi	18,722
07	Ħaż-Żebbuġ	14,287
08	Ħaż-Żabbar	17,347
09	Is-Siġġiewi	9,509
10	Iż-Żejtun	12,521
11	Ir-Rabat, Għawdex	7,364
12	Ħ'Attard	12,584
13	Ħal Balzan	4,864
14	Birkirkara	27,555
15	Birżebbuġa	11,989
16	Ħad-Dingli	3,860
17	Il-Fgura	13,391
18	Il-Furjana	2,009
19	Il-Fontana	1,086
20	Il-Gudja	3,323
21	Il-Gżira	11,589
22	Għajnsielem (u Kemmuna)	3,623
23	L-Għarb	1,558
24	Ħal Għargħur	3,825
25	L-Għasri	517
26	Ħal Għaxaq	5,675
27	Il-Ħamrun	11,007
28	L-Iklin	3,511
29	Il-Kalkara	3,159
30	Ta' Kerċem	1,894
31	Ħal Kirkop	2,551
32	Ħal Lija	3,534
33	Ħal Luqa	7,425
34	Il-Marsa	5,574

No. 1292

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Estimated Population by Locality
1st January, 2023

FOR the purpose of article 73 of Part VII of the Local Councils Act, the Minister for Finance and Employment hereunder states the population estimates for each locality as defined in the Act:

	Lokalità u Kodiċi *Locality and Code*	Popolazzjoni *Population*
35	Marsaskala	17,412
36	Marsaxlokk	4,054
37	Il-Mellieħa	13,415
38	L-Imġarr	4,953
39	Il-Mosta	24,290
40	L-Imqabba	3,590
41	L-Imsida	14,809
42	Il-Munxar	1,788
43	In-Nadur	4,597
44	In-Naxxar	17,393
45	Paola	9,523
46	Pembroke	3,657
47	Tal-Pietà	6,386
48	Il-Qala	2,324
49	Il-Qrendi	3,203
50	Ir-Rabat	12,073
51	Ħal Safi	2,701
52	San Ġiljan	13,163
53	San Ġwann	15,072
54	San Lawrenz	815
55	San Pawl il-Baħar	35,419
56	Ta' Sannat	2,223
57	Santa Luċija	2,641
58	Santa Venera	9,213
59	Tas-Sliema	21,108
60	Is-Swieqi	14,058
61	Ta' Xbiex	2,297
62	Ħal Tarxien	9,612
63	Ix-Xagħra	5,297
64	Ix-Xewkija	3,610
65	Ix-Xgħajra	2,277
66	Iż-Żebbuġ	3,495
67	Iż-Żurrieq	12,479
68	L-Imtarfa	2,569
	Totali/*Total*	**542,051**

Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO)
Source: National Statistics Office (NSO)

Nru. 1293

**ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)**

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap 34) id-Direttur tal-Agrikoltura approva li nhar it-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2023, u t-Tlieta, 26 ta' Settembru, 2023, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku l-ġurnata kollha u jkun taħt il-kontroll ta' GEB Landscaping.

It-22 ta' Settembru, 2023

Nru. 1294

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Moroni, Il-Gżira (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 10,828);
Triq Henry F. Bouverie, Il-Gżira (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 10,829);
Triq San Publju, In-Naxxar (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 10,830);
Triq il-Frejża, Santa Luċija (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 10,831);
Sqaq Buhar c/w Triq it-Torri Vincenti, L-Imqabba (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 10,832);
PO Triq is-Suq, Il-Furjana (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 10,833);
Triq l-Imħażen, Floriana (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 10,834).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mill-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Ottubru, 2023 u id-29 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Moroni, Il-Gżira. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

No. 1293

**PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)**

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public all day on Monday, 25th September, 2023, and Tuesday, 26th September, 2023 and will be under the control of GEB Landscaping.

22nd September, 2023

No. 1294

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Moroni, Gżira (indicated on site plan on page 10,828);
Triq Henry F. Bouverie, Gżira (indicated on site plan on page 10,829);
Triq San Publju, Naxxar (indicated on site plan on page 10,830);
Triq il-Frejża, Santa Lucija (indicated on site plan on page 10,831);
Sqaq Buhar c/w Triq it-Torri Vincenti, Mqabba (indicated on site plan on page 10,832);
PO Triq is-Suq, Floriana (indicated on site plan on page 10,833);
Triq l-Imħażen, Floriana (indicated on site plan on page 10,834)

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd October, 2023 and 29th March, 2024, it will be starting road works in Triq Moroni, Gżira. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorized by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Ottubru, 2023 u id-29 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Henry F. Bouverie, Il-Gżira. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd October, 2023 and 29th March, 2024, it will be starting road works in Triq Henry F. Bouverie, Gżira. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Ottubru, 2023 u id-29 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq San Publju, In-Naxxar. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd October, 2023 and 29th March, 2024, it will be starting road works in Triq San Publju, Naxxar. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Ottubru, 2023 u id-29 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Frażja, Santa Luċija. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd October, 2023 and 29th March, 2024, it will be starting road works in Triq il-Frażja, Santa Luċija. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Ottubru, 2023 u id-29 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Sqaq Buhar c/w Triq it-Torri Vincenti, L-Imqabba. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd October, 2023 and 29th March, 2024, it will be starting road works in Sqaq Buhar c/w Triq it-Torri Vincenti, Mqabba. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Ottubru, 2023 u id-29 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet f' PO Triq is-Suq, Il-Furjana. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd October, 2023 and 29th March, 2024, it will be starting road works in PO Triq is-Suq, Floriana. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Ottubru, 2023 u id-29 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq l-Imħażen, Il-Furjana. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd October, 2023 and 29th March, 2024, it will be starting road works in Triq l-Imħażen, Floriana. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.


Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'No parking' signs on site are liable to be towed.

Aktar għajnuna jew informazzjoni, tinkiseb permezz ta' email fuq (info.im@infrastructuremalta.com).

Assistance or more information, can be obtained via email to (info.im@infrastructuremalta.com).

It-22 ta' Settembru, 2023

22nd September, 2023




INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date
A	*				

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Gzira\2023 Gzira.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: IL-GŻIRA Triq Moroni - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)		
HEAD OF UNIT: N.V.			
PROJECT LEADER: -	DATE: March 2023	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD104/23
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A / PAGE NO: 2



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date
J					
H					
G					
F					
E					
D					
C					
B					
A	-				

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Gzira\2023 Gzira.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.

PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IL-GŻIRA

po Triq Sir Henry Bouverie - SITE PLAN
(Extents of Works are not binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
March 2023	-	IMD105/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	A	3



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date
J					
H					
G					
F					
E					
D					
C					
B					
A	-				

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Naxxar\2023 Naxxar.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IN-NAXXAR
Triq San Publju - SITE PLAN
(Extents of works AREN't binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
FEB 2023	IM043/23	IMD49/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1 : 2500	A	7




INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi

S:\Traffic Management\2020\Santa Lucija\2020 Santa Lucija.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION		DRAWING TITLE: SANTA LUĊIJA TRIQ FREZJA - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)	
HEAD OF UNIT: L.D.			
PROJECT LEADER: -	DATE: FEB. 2021	FILE NO: -	DRAWING NO: IM107/21
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A / PAGE NO: 2


Ta' Pizzulett
Tas-Safra
Ajruport
Tas-Safra
Ajruport
SITE
Tal-Mantra
MQABBA
MQABBA
INFRASTRUCTURE MALTA
CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ivan Falzon
S:\Traffic Management\2023\Mqabba\2023 Mqabba.dwg
UNIT NAME:
COORDINATION
HEAD OF UNIT:
R.C.
PROJECT LEADER:
-
DRAWN BY:
-
DRAWING TITLE:
L-IMQABBA
Sqaq Buhar cw Triq it-Torri Vincenti - SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)
DATE:
July 2023
FILE NO:
-
DRAWING NO:
IMD251/23
SHEET SIZE:
A4
SCALE:
1:5000
REVISION:
-
PAGE NO:
3




INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2022\Floriana\2022 Floriana.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: FLORIANA po Triq Is-Suq - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)		
HEAD OF UNIT: N.V.			
PROJECT LEADER: -	DATE: SEP 2022	FILE NO: IM614/22	DRAWING NO: IMD196/22
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: -	PAGE NO: 5



INFRASTRUCTURE MALTA	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: FLORIANA Triq L-Imhazen - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)	
	HEAD OF UNIT: N.V.		
CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon	PROJECT LEADER: -	DATE: SEP 2022	FILE NO: IM617/22 — DRAWING NO: IMD198/22
S:\Traffic Management\2022\Floriana\2022 Floriana.dwg	DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4 — SCALE: 1:2500 — REVISION: - — PAGE NO: 7	

Nru. 1295

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-KALKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 569 tal-21 ta' Lulju, 1998 u 1253 tal-10 ta' Novembru, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Kalkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1295

NUMBERING OF DOORS AT IL-KALKARA

Amendments

WITH reference to Government Notices Nos. 569 dated 21st July, 1998 and 1253 dated 10th November, 2017, under the title 'Numbering of doors at Il-Kalkara', the following amendments in **bold** should be made.

IL-KALKARA

14. TRIQ IS-SIBI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Luqqata

Left side entering from Triq il-Luqqata

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Dormar	11
Garaxx	13
Sit bla bini	15
Sit bla bini	17
Nicelvang House	19
Garaxx	21
Garaxx	23
Bieb ta' wara	25
Garaxx	27
E.T.C	29
Garaxx	31
Starnort House	33
Garaxx	35
Stella Del Mare	37
Sit bla bini	39
Sit bla bini	41
Hanut	43
Gredor	45
Garaxx	47
Casa Delle Alpi	49
Garaxx	51
Bieb bla numru (Dar)	53
Garaxx	55
Bieb ta' wara	57
3	59
Bieb ta' ġnien	61
Bieb tal-ġenb	63
5, Redeemer House	65
67 (Bieb tal-ġenb)	67
Bini qed jinbena	69
Garaxx	69A
Bini qed jinbena	71
Garaxx	71A
Sit bla bini	73-77
Sweet Haven	79
Garaxx	81

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Luqqata

Right side entering from Triq il-Luqqata

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Shalom	6
Garaxx	8
Mary Ann	10
Garaxx	12
Joelster	14

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	83		
Sit bla bini	85-91		
Garaxx	93		
Le Jardin	95		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
11, Dormar	11	6, Shalom	6
13 (Garaxx)	13	**Maryanne's Court**	**8**
Garaxx	**15**	**Daħla għall-garaxxijiet**	**8A**
15, South Court	**15A**	**White Rose (Flettijiet)**	**10**
Greek Court	**17**	12 (Garaxx)	12
Daħla għall-garaxxijiet	**17A**	14, Joelster	14
19, Nicelvang	**19**		
Garaxx	**21**		
Marija Bambina	**23**		
Azalea	**25**		
Dream Court	**27**		
Mystique	**29**		
Daħla għall-garaxxijiet	**29A**		
31 (Garaxx)	31		
33, Starnort House	33		
35 (Garaxx)	35		
37, Stella Del Mare	37		
Old Trafford Flats	**39**		
Garaxx	**41**		
Russett	**41A**		
43, **Mark's Butcher** (Ħanut)	43		
45, Gredor	45		
47 (Garaxx)	47		
49, Casa Delle Alpi	49		
Garaxx	**51**		
La Vittoria	**53**		
La Vittoria (Flettijiet)	**55**		
Garaxx	**55A**		
57 (Garaxx)	**57**		
59	59		
Bieb bla numru	**61**		
Garaxx	**61A**		
63	**63**		
63, Shanthi	**63A**		
Garaxx	**63B**		
Bieb bla numru	**65**		
65, Redeemer House	**67**		
Persjana	**67A**		
69	69		
69A (Garaxx)	69A		
71, **Aphrodite**	71		
71A (Garaxx)	71A		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	73		
Sit bla bini	75		
Sit bla bini	77		
79	**79**		
81, Sweet Haven	**81**		
Garaxx	**83**		
Bieb bla numru	**85**		
Bieb bla numru	**87**		
Daħla għall-garaxxijiet	**87A**		
Gosport Quays	**89**		
Garaxx	**91**		
93 (Garaxx)	93		
95, Le Jardin	95		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Arzella	26
		Sit bla bini	28
		Sit bla bini	30
		Sit bla bini	32
		Sit bla bini	34
		Sit bla bini	36
		Sit bla bini	38
		San Ġużepp	40
		Garaxx	42
		Sit bla bini	44
		Sit bla bini	46
		Morgrace	48
		Garaxx	50
		Sweetpea	52
		Garaxx	54
		Garaxx	56
		Peprina	58
		Garaxx	60
		Garaxx	62

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		26, Arzella	26
		28, J'Adore	**28**
		Garaxx	**30**
		32, Feast of Love	**32**
		Garaxx	**34**
		36, St Joseph Flats	**36**
		Sit bla bini	38
		40, San Ġużepp	40
		42 (Garaxx)	42
		Garaxx	**44**
		46, Our Blessing	**46**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
48, Morgrace	48
50 (Garaxx)	50
52, Sweetpea	52
54 (Garaxx)	54
56, Ohana	**56**
58, Portside (Flettijiet)	**58**
60	**60**
60A (Garaxx)	**60A**
62 (Garaxx)	62

It-22 ta' Settembru, 2023

Nru. 1296

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 532 tal-10 ta' Lulju, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mellieħa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

22nd September 2023

No. 1296

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 532 dated 10th July, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mellieħa', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MELLIEĦA

23. TRIQ IL-KBIRA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ġorġ Borg Olivier

Left side entering from Triq Ġorġ Borg Olivier

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ġorġ Borg Olivier

Right side entering from Triq Ġorg Borg Olivier

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Restorant	58
Bieb bla numru (Dar)	60
St John	62
Garaxx	64
Ħanut (Video Rentals)	66
Bieb bla numru (Dar)	68
Ħanut (Video Rentals)	70
Ħanut	72
Garaxx	74
43, Renvie	76

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
58, **Miħna Restaurant**	58
56, The Mill	**60**
Dingli Butcher	**62**
62/64, Clara's Court	**64**
Bieb bla numru	**64A**
Daħla għall-garaxxijiet	**64B**
Freds (Ħanut)	**66**
68, Sixty Eight Main Apartments	**68**
70	70

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
72, **Sphinx** (Ħanut)	72
74 (Garaxx)	74
76, Renvie	76

It-22 ta' Settembru, 2023

Nru. 1297

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FI FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA

Korrezzjoni

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1210, tal-1 ta' Settembru, 2023, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fi Fleur-De-Lys, Birkirkara', għandha ssir din il-korrezzjoni kif indikata b'tipi **grassi**.

22nd September 2023

No. 1297

NUMBERING OF DOORS AT FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA

Correction

WITH reference to Government Notice No. 1210, dated 1st September, 2023, under the title 'Numbering of doors at Fleur-De-Lys, Birkirkara', the following correction in **bold** should be made.

FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA

1. TRIQ NOTABILE

Meta tidħol minn Triq Tal-Indjana
Entering from Triq Tal-Indjana

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
2 (Uffiċċju)	2
2	3
Garaxx	4
Bieb bla numru	4A
Garaxx	5
Bieb bla numru	5A
6 (Garaxx)	6
7, Heryan	7

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
2	2
Garaxx	**3**
Bieb bla numru	**4**
Garaxx	**4A**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**5**
6 (Garaxx)	6
7, Heryan	7

It-22 ta' Settembru, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 191

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

22nd September 2023

POLICE NOTICE

No. 191

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Mill-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023, mis-6.00 p.m., sal-Ġimgħa, 29 ta' Settembru, 2023, il-ġurnata kollha, minn Pjazza Kastilja kollha, Triq Ġilormu Cassar mill-Monument tal-Gwerra sa Pjazza Kastilja, il-parkeġġ tal-Bank Ċentrali kollu, Triq San Pawl bejn Triq Melita u Pjazza Kastilja u Triq Sant'Ursola bejn Triq il-Batterija u Pjazza Kastilja;

Mill-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023, mis-6.00 p.m., sal-Ġimgħa, 29 ta' Settembru, 2023, il-ġurnata kollha, minn Pjazza Sant'Iermu ħdejn il-fosos iż-żewġ naħat, Triq il-Mediterran bejn Pjazza San'Iermu sa Triq San Nikola, Triq il-Bjar minn Triq Sant'Ursola sa Triq San Nikola, Triq San Nikola bejn Triq il-Mediterran u Triq Sant'Ursola, Triq l-Isptar il-Qadim minn Triq San Pawl u Triq il-Merkanti, il-bitħa li tinsab fi Triq l-Isptar il-Qadim bejn Triq it-Tramuntana u Triq l-Isptar il-Qadim, Triq it-Tramuntana bejn Triq il-Mediterran u Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti bejn Triq it-Tramuntana u Pjazza Sant'Iermu u Xatt il-Barrieri l-biċċa ta' taħt il-Monument tal-Qanpiena.

Trasport Pubbliku (Valletta Circular Bus) se jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Ix-Xagħra, Għawdex

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, 2023, mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza l-Vittorja, Triq it-28 ta' April 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp, Triq il-Knisja u Pjazza l-Vittorja.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Ir-Rabat (Għawdex)

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, 2023, mill-4.30 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq it-Telgħa tal-Belt, Triq it-Tokk, Triq is-Suq, Triq Agius de Soldanis, Triq Palma u Triq ir-Repubblika.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Għajnsielem

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, 2023, mis-7.00 a.m. san-12.30 p.m., minn Triq Sant'Antnin;

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, 2023, mid-9.30 a.m. sal-9.45 a.m., minn Triq iż-Żewwieqa.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

From Thursday, 28th September, 2023, from 6.00 p.m., till Friday, 29th September, 2023, all day, through all of Castille Square, Triq Ġilormu Cassar from War Memornial to Castille Square, all of the Central Bank parking area, Triq San Pawl between Triq Melita and Castille Square, Triq Sant'Ursola between Triq il-Batterija and Castille Square;

From Thursday, 28th September, 2023, from 6.00 p.m., till Friday, 29th September, 2023, all day, through Sant'Iermu next to the granaries both sides, Triq il-Mediterran between Pjazza San'Iermu and Triq San Nikola, Triq il-Bjar between Triq Sant'Ursola and Triq San Nikola, Triq San Nikola between Triq il-Mediterran and Triq Sant'Ursola, Triq l-Isptar il-Qadim between Triq San Pawl and Triq il-Merkanti, the yard in Triq l-Isptar il-Qadim between Triq it-Tramuntana and Triq l-Isptar il-Qadim, Triq it-Tramuntana between Triq il-Mediterran and Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti between Triq it-Tramuntana and Pjazza Sant'Iermu and Quarry Wharf the part under the Siege Bell Monument.

Public transport will also be affected

Road Closure will be done as required.

Xagħra, Gozo

On Sunday, 1st October, 2023, from 4.00 p.m. till 8.00 p.m., through Pjazza l-Vittorja, Triq it-28 ta' April 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp, Triq il-Knisja and Pjazza l-Vittorja.

Public transport may also be affected.

Victoria

On Sunday, 1st October, 2023, from 4.30 p.m. till 9.00 p.m., through Triq it-Telgħa tal-Belt, Triq it-Tokk, Triq is-Suq, Triq Agius de Soldanis, Triq Palma and Triq ir-Repubblika.

Public transport may also be affected.

Għajnsielem

On Sunday, 1st October, 2023, from 7.00 a.m. till 12.30 p.m., through Triq Sant'Antnin;

On Sunday, 1st October, 2023, from 9.30 a.m. till 9.45 a.m., through Triq iż-Żewwieqa.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Ix-Xewkija

Nhar is-Sibt, 23 ta' Settembru, 2023, bejn l-4.30 p.m. u d- 9.30 p.m., minn Triq Dun Grezz Farrugia, Triq il-Manwala, Triq il-Ballata u Triq in-Naġġara;

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, 2023, bejn it-3.00 p.m. u s-7.00 p.m., minn Pjazza San Ġwann Battista, Triq San Żakkarija, Triq il-Kbira, Triq Santa Katarina u Triq il-Knisja.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Munxar

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, 2023, bejn it-2.45 p.m. u s-6.45 p.m., minn Triq Damasku, Triq l-Andrijiet, Triq Ta' Rinota u Triq Tarsu.

Trasport Pubbliku jista' jkun affettwat.

Santa Luċija, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Ottubru, 2023, bejn l-4.00 p.m. u t-8.30 p.m., minn Pjazza Santa Luċija, Triq Għajn Abdul, Triq Għar Ilma, Triq il-Banda tad-Dudi u Triq Bir Rix.

Trasport Pubbliku jista' jkun affettwat.

Ta' Kerċem

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, 2023, bejn it-3.00 p.m. u t-8.00 p.m., minn Pjazza San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq is-Sarġ u Triq Ġużeppi Briffa.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Settembru, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 192

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Public transport may also be affected.

Xewkija

On Saturday, 23rd September, 2023, between 4.30 p.m. and 9.30 p.m., through Triq Dun Grezz Farrugia, Triq il-Manwala, Triq il-Ballata and Triq in-Naġġara;

On Sunday, 1st October, 2023, between 3.00 p.m. and 7.00 p.m., through Pjazza San Ġwann Battista, Triq San Żakkarija, Triq il-Kbira, Triq Santa Katarina and Triq il-Knisja.

Public transport may also be affected.

Munxar

On Sunday, 1st October, 2023, between 2.45 p.m. and 6.45 p.m., through Triq Damasku, Triq l-Andrijiet, Triq Ta' Rinota and Triq Tarsu.

Public Transport may also be affected.

Santa Luċija, Gozo

On Sunday, 8th October, 2023, between 4.00 p.m. and 8.30 p.m., through Pjazza Santa Luċija, Triq Għajn Abdul, Triq Għar Ilma, Triq il-Banda tad-Dudi and Triq Bir Rix.

Public Transport may also be affected.

Ta' Kerċem

On Sunday, 1st October, 2023, between 3.00 p.m. and 8.00 p.m., through Pjazza San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq is-Sarġ u Triq Ġużeppi Briffa.

Public transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

22nd September, 2023

POLICE NOTICE

No. 192

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Tarxien

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id-dati u ħinijiet hawn taħt:

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, 2023, mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Misraħ is-Suq, Triq il-Kbira, Triq Palma, Triq il-Madonna tad-Duttrina u Triq il-Knisja.

Transport pubbliku se jiġi affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Settembru, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 193

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Ottubru, 2023, mis-7.30 a.m. sas-1.30 p.m., minn Triq San Trofimu (minn Triq San Ġwann Battista sa Triq Santa Marija).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Settembru, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 172 tal-2023

Restrizzjoni tad-dħul f'parti minn Mġarr ix-Xini, Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li minħabba avveniment li qed isir, parti minn Mġarr ix-Xini se tkun ristretta għan-navigazzjoni u l-irmiġġ ħlief għal bastimenti awtorizzati.

Minħabba dan l-avveniment iż-żona kif murija bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandha tinżamm libera fid-dati u l-ħinijiet dikjarati hawn taħt.

Dawn ir-restrizzjonijiet se jkunu fis-seħħ bejn l-Erbgħa, 20 ta' Settembru, 2023, fl-10.00 a.m., u l-Ħamis, 21 ta'

Ħal Tarxien

All traffic movement (transit and parking) is prohibited on the date and time hereunder in the locality of Fgura:

On Sunday, 1st October, 2023, from 5.00 p.m. till 8.30 p.m., through Misraħ is-Suq, Triq il-Kbira, Triq Palma, Triq il-Madonna tad-Duttrina u Triq il-Knisja.

Public transport will be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

22nd September, 2023

POLICE NOTICE

No. 193

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Sunday, 8th October, 2023, from 7.30 a.m. till 1.30 p.m., through Triq San Trofimu (from Triq San Ġwann Battista to Triq Santa Marija).

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

22nd September, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 172 of 2023

Entry restriction in part of Mġarr ix-Xini, Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that due to an event being held part of Mġarr ix-Xini will be restricted to navigation and mooring except to authorised vessels.

Due to this event the area as shown in red on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) is to be kept clear on the dates and times stated below.

These restrictions will be in force between Wednesday, 20th September, 2023, at 10.00 a.m., and Thursday, 21st

Settembru, 2023, fl-10.00 a.m., għalhekk l-ebda bastiment mhux awtorizzat ma jitħalla jidħol fiż-żona.

Jekk minħabba kundizzjonijiet tat-temp mhux favorevoli l-attività ma ssirx kif ippjanat, imbagħad l-attività ssir fi Mġarr Marina, Għawdex, nhar l-Erbgħa, 20 ta' Settembru, 2023, bejn l-4.30 p.m u nofsillejl.

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela, b'veloċità baxxa u joqogħdu attenti meta jkunu fil-viċinanzi, u għandhom iżommu 'l bogħod miż-żona msemmija hawn fuq.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom josservaw l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS, VHF Channel 10 minn Mġarr LPS u minn kull ufficjal tal-infurzar fuq il-post. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi tal-avveniment.

Chart affettwata: BA 211

It-22 ta' Settembru, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 173 tal-2023

Xogħlijiet ta' tiswija fuq in-naħa t'isfel tal-ħajt fil-Ponta tad-Dragunara fuq in-naħa tal-Bajja ta' San Ġorġ

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li se jsiru xogħlijiet ta' tiswija fuq in-naħa ta' isfel tal-ħajt fil-ponta tad-Dragunara fuq in-naħa tal-Bajja ta' San Ġorġ.

Ix-xogħlijiet ta' tiswija se jibdew nhar is-Sibt, 23 ta' Settembru, 2023, u mistennija jitlestew sat-Tlieta, 31 ta' Ottubru, 2023.

Se tiġi stabbilita żona tax-xogħol iffurmata mil-linji immaġinarji li jgħaqqdu l-punti A, B u x-xatt ta' bejniethom, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Punt	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35°56'.617	014°29'.680
B	35°56'.617	014°29'.700

Se titqiegħed silt curtain tul il-linja A u B.

Bastiment ta' appoġġ se jgħin fix-xogħlijiet u biex jiġi ttrasportat materjal u tagħmir.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Għandhom iżommu mill-inqas 10m 'il bogħod mis-silt curtain u mill-bastiment ta' appoġġ.

September, 2023, at 10.00 a.m., hence no unauthorised vessel will be allowed into the area.

If due to unfavourable weather conditions the event cannot be held as planned, the event will be held at Mġarr Marina, Gozo, on Wednesday, 20th September, 2023, between 4.30 p.m. and midnight.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed and keep a sharp lookout when in the vicinity, and they are to keep out of the above-mentioned area.

Mariners and vessel operators are to comply with instructions and directions issued on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS, VHF Channel 10 by Mġarr LPS and by any enforcement personnel on site. They are to cooperate with the event organisers.

Chart affected: BA 211

22nd September, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 173 of 2023

Repair works on the lower seawall at Il-Ponta tad-Dragunara on the side of Il-Bajja ta' San Ġorġ

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that repair works on the lower seawall at Il-Ponta ta' Dragunara on the side of Il-Bajja ta' San Ġorġ.

The repair works will commence on Saturday, 23rd September, 2023, and are expected to be completed by Tuesday, 31st October, 2023.

A work area formed by the imaginary lines joining the points A and B and the intermediate coastline, as shown on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), will be established.

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35°56'.617	014°29'.680
B	35°56'.617	014°29'.700

A silt curtain will be laid along the line A and B.

A support vessel will be used to assist in the works and transport material and equipment.

Mariners and vessel operators are to navigate with caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to keep at least 10m away from the silt curtain and the support vessel.

Il-baħħara għandhom iħarsu l-istruzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

It-22 ta' Settembru, 2023

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) fil-Ministeru għas-Saħħa.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' mija u sitt (106) ġimgħat bħala House Officer (Foundation Doctor) fil-Ministeru għas-Saħħa, li jista' jiġi mġedded għal sena oħra u ma jeċċedix it-total ta' mija u tmienja u ħamsin (158) ġimgħa b'kollox, jekk il-Foundation Doctor ikollu bżonn tali estensjoni biex ilesti l-Programm tal-Foundation.

2.2 House Officer (Foundation Doctor) irid isegwi programm ta' taħriġ bil-għan li jġib il-Foundation Programme Completion Certificate (FPCC) sabiex ikun eliġibbli li japplika għat-taħriġ ta' Speċjalist Bażiku jew Taħriġ ta' General Practitioner. Aktar informazzjoni fuq il-Foundation Programme ta' Malta li hu affiljat mal-United Kingdom Foundation Programme tinsab fuq (https://fpmalta.gov.mt).

2.3 Il-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.4 Peress li din il-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor), hi marbuta ma' żmien fiss, tali tikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.5 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni definita tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti għal pożizzjonijiet definita fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC.

Mariners are to comply with instructions issued on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and to co-operate with the contractor on site.

Chart affected: BA 177

22nd September, 2023

MINISTRY FOR HEALTH

Position of House Officer (Foundation Doctor) in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications for the position of House Officer (Foundation Doctor) in the Ministry for Health.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into an assignment of one hundred and six (106) weeks as a House Officer (Foundation Doctor) in the Ministry for Health, which may be renewed for a further year and does not exceed a total of one hundred and fifty-eight (158) weeks if the Foundation Doctor requires such extension in order to complete the Foundation Programme.

2.2 The House Officer (Foundation Doctor) is to follow the training programme with the aim of obtaining the Foundation Programme Completion Certificate (FPCC) in order to be eligible to apply for the Basic Specialist Training or General Practitioner Training. More information about the Malta Foundation Programme which is affiliated to the United Kingdom Foundation Programme may be found at (https://fpmalta.gov.mt).

2.3 The position of House Officer (Foundation Doctor) is subject to a probationary period of one (1) year.

2.4 Since the position of House Officer (Foundation Doctor) is time-barred, such constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.5 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.6 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications for definite positions within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) huwa ekwivalenti għal tarġa 5 fi Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2023 huwa €26,284.11) fis-sena. Mat-tlestija ta' sena (1) servizz sodisfaċenti fil-pożizzjoni ta' Foundation Doctor, persuna fil-ħatra tipprogressa għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2023 huwa ta' €27,178.77 fis-sena).

Foundation Trainee Specialisation Allowance ta' €3,900 fl-ewwel sena u €4,330 fit-tieni sena li jitħallsu lill-House Officer (Foundation Doctor) f'pagamenti ta' tliet xhur b'lura. Special Duty Allowance ta' €4,920 jitħallsu lill-Foundation Doctors li jaħdmu fuq bażi ta' roster. Foundation Doctors li jwettqu dmirijiet f'dawn l-oqsma ma jkunux intitolati għal allowance ta' xift.

Dmirijiet

Id-dmirijiet ta' House Officer (Foundation Doctor) jinkludu li:

i. Jassisti fit-twassil ta' kura tas-saħħa fl-Isptarijiet u f'ambjenti varji tal-kura tas-saħħa tal-Ministeru għas-Saħħa;

ii. Jaħdem fid-Dipartiment rispettiv fil-Ministeru għas-Saħħa u jaħdem il-ħin kollu taħt is-superviżjoni tas-superjuri tiegħu u jkun responsabbli direttament lejn il-Konsulent inkarigat;

iii. Jipparteċipa f'attivitàjiet akkademiċi organizzati fi ħdan id-Dipartiment rispettiv;

iv. Itemm b'suċċess ir-rekwiżiti tal-Foundation Programme kif speċifikat fil-Gwida ta' Referenza flimkien ma' dawk speċifikati mill-Malta Foundation School fejn aktar informazzjoni tinkiseb mis-sit elettroniku (http://www.fpdoctors.info);

v. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

vi. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

vii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.1 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

Salary Pegged to the Position

3. The salary attached to the position of House Officer (Foundation Doctor) is equivalent to Step 5 of Salary Scale 9 (which in the year 2023 is €26,284.11 per annum). Upon completion of one (1) year satisfactory service as Foundation Doctor, employees shall progress to the maximum of Salary Scale 9 (which in the year 2023 is €27,178.77 per annum).

A Foundation Trainee Specialisation Allowance is €3,900 in Year 1 and €4,330 in Year 2 which shall be paid to the House Officer (Foundation Doctor) in three-monthly instalments in arrears. An annual Special Duty Allowance of €4,920 will be paid to Foundation Doctors who perform duties on roster basis. This allowance will be paid quarterly in arrears. Foundation Doctors performing duties in these areas will not be entitled to a shift allowance.

Duties

The duties of House Officer (Foundation Doctor) include:

i. Assists in the delivery of health care in the hospitals and various health care settings of the Ministry for Health;

ii. Works in the respective Department within the Ministry for Health and work at all times under the supervision of his/her seniors and will be directly accountable to the Consultant in charge;

iii. Participates in academic activities organised within the respective Department;

iv. Successfully completes the requirements of the Foundation Programme as specified in the Reference Guide together with those specified by the Malta Foundation School wherein further information is available on the website (http://www.fpdoctors.info);

v. Make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

vi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

vii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.1 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third-country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third-country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Applikazzjonijiet jiġu wkoll ikkunsidrati minn kandidati li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li ma jissodisfawx il-kriterji msemmija f'paragrafu 5.1 (i), dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafi 5.1 (ii) sa 5.3. Il-ħatra ta' tali kandidati teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

Applications will also be considered from candidates who are third-country nationals and do not satisfy the criteria set out in paragraph 5.1 (i), provided that they satisfy the requirements stated in paragraphs 5.1 (ii) to 5.3. The appointment of such candidates would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża dment li jingħata rikonixximent xieraq lill-kandidati li għandhom ukoll il-ħila li jikkomunikaw bil-lingwa Maltija. Proficjenza fil-lingwa Ingliża tiġi aċċettata jekk l-applikanti:

Jew

jipprovdu prova li l-kwalifika medika primarja saret bil-lingwa Ingliża; JEW

jipprovdu ċertifikat validu ta' IELTS (International English Language Testing System) fil-punteġġ medju tal-medja ta' 7.5 jew ogħla f'kull dominju.

Aktar minn hekk, qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ, il-kandidati magħżula għandhom jirnexxu kemm f'Parti 1 u 2 tal-eżami fil-Basic Medical Maltese for HealthCare Profession tal-Università ta' Malta. Min jonqos li jippreżenta, sa tmiem il-perjodu ta' prova (i.e. tnax-il xahar mill-ingaġġ), evidenza li għadda b'suċċess, dan jirriżulta f'terminu awtomatiku tal-kuntratt tax-xogħol. Il-kors li jwassal uffiċjalment għal dan l-eżami huwa l-kors fil-Basic Medical Maltese for HealthCare Profession immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta. Spejjeż tal-kors u tal-assessjar iridu jitħallsu mill-kandidati prospettivi. Madanakollu, wieħed jista' japplika għal rifużjoni ta' tali spejjeż permezz tal-Iskema tal-Edukazzjoni Kontinwa Medika (CME).

L-ispejjeż tal-kors u tal-valutazzjoni għandhom jitħallsu f'Awwissu 2024 u jammontaw għal: Partijiet 1 u 2 il-kors sħiħ u ż-żewġ eżamijiet (parti 1 u parti 2 – €550; partijiet 1 u 2 iż-żewġ (2) eżamijiet biss (parti 1 u parti 2) – €100.

iii. (a) kwalifikati b'Degree fil-Mediċina u l-Kirurġija mill-Università ta' Malta; jew

(b) kwalnunkwe kwalifika medika bażika oħra First Degree f'Livell 7 tal-MQF ta' ħames (5) snin jew aktar minn skola medika akkreditata fi Stat Membru tal-UE; jew

(c) degree medika mir-Renju Unit mogħtija sal-aħħar ta' 2020**,** skont Part I (a) tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tal-Kura tas-Saħħa (Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta).

L-imsemmija degrees iridu jkunu ngħataw mhux qabel l-1 ta' Jannar, 2020, u l-kandidati kollha jridu jkunu kisbu l-imsemmija kwalifika qabel l-ingaġġ.

iv. (a) jew elenkati fir-Reġistru Proviżorju miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta skont l-Artikolu 11, subartikolu 3 tal-Att dwar il-Professjonijiet tal-Kura tas-Saħħa (Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta);

ii. have the ability to communicate in the English Language provided that due recognition will be given to candidates who also have the ability to communicate in the Maltese language. Proficiency in the English Language will be accepted if applicants:

Either

Provide proof that the primary medical qualification was undertaken in the English Language; OR

Provide a valid certificate of IELTS (International English Language Testing System) at the medium band score of 7.5 or above in each domain.

Furthermore, before confirmation of appointment, i.e. within twelve (12) months from engagement, selected candidates must be successful in both Part 1 and 2 of the examination in 'Basic Medical Maltese for the HealthCare Profession' of the University of Malta. Failure to present evidence of successful pass by the end of probationary period (ie twelve months from engagement) will result in automatic termination of work contract. The course officially leading to this examination is the course in 'Basic Medical Maltese for the HealthCare Profession' run by the Department of Maltese of the University of Malta. Fees are to be paid by prospective candidates. However, such expenses may be claimed through the Continuous Medical Education (CME) Scheme.

The course and assessment fees which will have to be paid in August 2024 will amount to: parts 1 and 2 the full course plus the two (2) examinations (part 1 and part 2) – €550; parts 1 and 2 the 2 examinations only part 1 and part 2 – €100.

iii. (a) qualified with a degree in Medicine and Surgery from the University of Malta; or

(b) any other basic medical qualification First Degree at MQF Level 7 of five (5) years or more from an accredited medical school in an EU Member State; or

(c) UK medical degrees awarded till the end of 2020 as per Part 1 (a) of the Second Schedule of the Health Care Professions Act (Cap. 464 of the Laws of Malta).

The said degrees should have been awarded not earlier than 1st January 2020 and all candidates must have obtained the said qualification prior to engagement.

iv. (a) EITHER be listed in the Provisional Register kept by the Medical Council of Malta in terms of Article 11 sub-article 3 of the Health Care Professions Act (Cap. 464 of the Laws of Malta);

JEW

(b) Gradwati mill-universitajiet barra minn dawk tal-Università ta' Malta għandhom jipprovdu evidenza fid-dikjarazzjoni tad-Dean imsemmija fil-paragrafu 5.1 (v) li huma jkunu eliġibbli biex jiġu kkunsidrati għar-reġistrazzjoni mill-bidu tal-Foundation Programme. Tali kandidati għandhom ukoll jiksbu l-Ittra ta' Intenżjoni mill-Kunsill Mediku ta' Malta li l-kwalifika tagħhom hija reġistrabbli u liema ittra għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni. Huwa tal-parir bis-sħiħ li l-kandidati jagħmlu kuntatt dirett mal-Kunsill Mediku hekk kif jesprimu l-interess tagħhom, biex jiżguraw li dan il-proċess ikun konluż fil-ħin. L-Ittri ta' Intenzjoni mill-Kunsill Mediku, ma jiġux ikkunsidrati jekk jaslu iżjed tard mid-dati allokati għall-intervista, u dan jirriżulta li l-kandidati jiġu meqjusa ineliġibbli jew skwalifikati mill-proċess tal-għażla.

Tobba li jiggradwaw minn pajjiz terz iridu jiċċekkjaw mal-Kunsill Mediku ta' Malta jekk humiex eliġibbli għar-Reġistrazzjoni Proviżorja qabel ma japplikaw għal dan il-Foundation Programme. Ikollhom bżonn ta' Ittra ta' Intenzjoni mill-imsemmi Kunsill.

Aktar minn hekk, il-kandidati li rnexxew għandhom inevitabbilment jiksbu l-imsemmija reġistrazzjoni qabel l-ingaġġ. Għal faċilità ta' referenza, is-sit elettroniku tal-Kunsill Mediku ta' Malta huwa (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/medcounc.aspx).

(v) jipproduċi Stqarrija tad-Dekan tal-Iskola Medika (kampjun disponibbli minn (https://fpmalta.gov.mt), li hija ffirmata, datata u ttimbrata u mimlija bl-Ingliż, li tinkludi:

(a) permess biex tapplika għall-Foundation Programme f'Malta;

(b) konferma li l-applikant huwa ta' 'good standing' fl-iskola medika u meqjus xieraq biex jippratika l-Mediċina;

(c) konferma dwar jekk il-kwalifika medika primarja (inkluża struzzjoni, eżamijiet u ammont sinifikanti ta' kuntatt kliniku mal-pazjenti) kienet/qed titwettaq bl-Ingliż;

(d) id-data mistennija tal-kwalifika, fil-każ ta' applikanti li għadhom ma kkwalifikawx;

(ii) Dikjarazzjoni li tista' tkun ivverifikata tar-ranking akkademiku f'deciles mill-iskola medika rispettiva tal-applikant. Dan id-dokument għandu jkun għad-dispożizzjoni tal-Malta Foundation School sad-data tal-intervista. Fejn l-informazzjoni rigward ir-ranking akkademiku huwa inkonsistenti mal-grading tad-decile jew nieqes, jintuża l-iscore akkademiku l-aktar baxx.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra

OR

(b) Graduates from universities other than the University of Malta must produce evidence in the Dean's statement referred to in paragraph 5.1(v) that they would be eligible to be considered for registration by the start of the Foundation Programme. Such candidates must also obtain a Letter of Intent from the Medical Council of Malta that their qualification is registerable and which letter must be attached with the application. It is strongly advised that these candidates make direct contact with the Medical Council as soon as they express their interest, to make sure that this process is concluded on time. Letters of Intent by the Medical Council will not be considered if received after the dates allocated for interviews, and this will result in candidates being then deemed ineligible or disqualified from the selection process.

Doctors graduating from a non-EU Country need to check with the Malta Medical Council whether they are eligible for a provisional registration prior to applying to this Foundation Programme. They will require a letter of intent from the said Council.

Furthermore, successful candidates must inevitably obtain the said registration prior to the engagement. For ease of reference the website for the Medical Council of Malta is (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/medcounc.aspx).

v. (i) Produce a Medical School Dean's Statement (sample available from (https://fpmalta.gov.mt), which is signed, dated and stamped and completed in English, which comprises:

(a) permission to apply for the Foundation Programme in Malta;

(b) confirmation that the applicant is of good standing at medical school and considered fit to practice Medicine;

(c) confirmation of whether primary medical qualification (including instruction, examinations and a significant amount of clinical contact with patients) was/is being undertaken in English;

(d) the expected date of qualification, in the case of applicants who have not yet qualified.

(ii) A verifiable declaration from the respective medical school of the applicant's academic ranking in deciles. This document should be made available to the Malta Foundation School by the interview date. Where information regarding the academic ranking is inconsistent with decile grading or missing, the lowest academic score will be used.

Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment

attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 Il-kandidati li jixtiequ eventwalment ifittxu reġistrazzjoni sħiħa mill-Kunsill Mediku f'pajjiż barra minn Malta, għandhom ifittxu l-parir mill-Kunsill Mediku rispettiv peress li l-approvazzjoni prospettiva minn uħud mill-istruzzjonijiet ta' dak il-pajjiż tista' tkun meħtieġa. Persuni li jiggradwaw minn Skola Medika tar-Renju Unit li jixtiequ eventwalment ifittxu reġistrazzjoni mal-Kunsill Mediku Ġenerali tar-Renju Unit qed jingħataw parir li jfittxu l-approvazzjoni bil-miktub mid-Dekan tal-postgraduate qabel ma jissieħbu mal-Malta Foundation Programme. Aktar informazzjoni dwar id-dokumentazzjoni meħtieġa hawn fuq tista' tkun aċċessata minn (https://fpmalta.gov.mt).

5.4 B'addizzjoni mar-rekwiżiti f'5.1 hawn fuq, mal-bidu tal-impjieg u t-taħriġ, l-applikanti għandhom:

(i) ikunu fil-pussess taċ-ċertifikat validu rikonoxxut tal-Basic Life Support;

(ii) juru li fehmu u qablu mar-rekwiżiti minimi meħtieġa għat-tlestija tal-Foundation Programme billi jiffirmaw il-Foundation School Training Agreement.

5.5 Il-kandidati li jirnexxu għandhom jattendu għall-eżami mediku u investigazzjonijiet rilevanti ta' qabel l-ingaġġ f'Malta, ġimagħtejn (2) qabel ma jieħdu l-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor). In-nuqqas ta' eżami mediku ta' qabel l-impjieg fil-ħin jirriżulta f'dewmien fil-provvista tal-liċenzja tax-xogħol u l-permess tar-residenza u konsegwentament l-ingaġġ. Aktar minn hekk qed jiġi kkjarifikat li l-eżami mediku ta' qabel l-ingaġġ u l-investigazzjonijiet rilevanti, u l-kisba tal-liċenzja tal-impjieg huma mandatorji qabel il-bidu tal-ingaġġ/tahriġ, u l-kandidati prospettivi għandhom iħallu żmien bizejjed biex jissetiljaw kollox QABEL il-bidu tal-programm li hu antiċipat li jibda fis-15 ta' Lulju, 2024.

is in a different class/career stream or in a definite position or in a lower grade/position.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Candidates who wish to seek eventual full registration from the Medical Council in a country other than Malta, should seek advice from the respective Medical Council as prospective approval from some of that country's institutions may be required. Persons graduating from a UK Medical School who would like to eventually seek registration with the UK General Medical Council, are advised to seek written approval from the post-graduate Dean before joining the Malta Foundation Programme. Further information on the above required documentation may be accessed at (https://fpmalta.gov.mt).

5.4 In addition to the requirements at 5.1 above, by the start of employment and training, applicants must:

i. be in possession of a valid recognised Basic Life Support Certificate;

ii. show that they have understood and agreed to the minimum requirements for completion of the Foundation Programme by signing a Foundation School Training Agreement.

5.5 Successful candidates are to attend for the pre-employment medical examination and relevant investigations in Malta, two (2) weeks before taking up the position of House Officer (Foundation Doctor). Failure to undertake the pre-employment medical examination on time, will result in delays in provision of the employment licence and residence permit and consequently engagement. It is furthermore being clarified that, the pre-employment medical examination, relevant investigations and the attainment of the employment licence are compulsory prior to the start of the employment/training and prospective candidates should allow enough time to settle everything PRIOR to the start of the programme which is expected to be the 15th July, 2024.

5.6 L-Ingaġġ ta' kandidati li għaddew b'suċċess li mhumiex ċittadini ta' Malta, jew li mhumiex ċittadini tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' ċittadini tal-Kroazja, jeħtieġu l-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol safejn dan hu meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol tiddependi fuq 'pre-employment health-check' sodisfaċenti. Jobsplus għandu jiġi kkonsultat kif meħtieġ fuq din il-kwistjoni. Fil-każ ta' kandidati li għaddew b'suċċess li m'għandhomx liċenzja tax-xogħol, l-applikazzjoni għal liċenzja tax-xogħol issir minn min iħaddem.

5.7 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kienux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.8 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.7 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.9 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.10 L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.6 The engagement of successful candidates who are not citizens of Malta, or who are not citizens of the European Union, with the exception of citizens of Croatia, would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Issue of an employment licence will depend on a satisfactory pre-employment health check. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue. In the case of successful candidates who do not hold an employment licence, the application for an employment licence will be done by the employer.

5.7 Applicants must be of conduct which is appropriate to the position applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.8 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.7 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.9 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.10 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni, li għandu jinkludi Test Kliniku ta' Ġudizzju Sitwazzjonali bil-miktub segwit minn data oħra għal intervista. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.9, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;

bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki; pubblikazzjoni tar-riżultat;

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position, which shall include a written Situational Judgement Clinical Test followed by another date for an interview. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.9, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15 Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday 6th October 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

reasonable accommodation for registered persons with disability;

the submission of recognition statements in respect of qualifications; the publication of the result;

il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat; eżami mediku;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Aktar informazzjoni dwar il-Malta Foundation Programme jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tal-Foundation School for Malta (https://fpmalta.gov.mt).

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa (https://deputyprimeminister.gov.mt), in-numru tal-fax huwa +356 22992604, u l-indirizz elettroniku huwa (recruitment.health@gov.mt).

It-22 ta' Settembru, 2023

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Konsulent Mediċina Ġenerali/Interna biex jikkuraw Pazjenti tal-Onkoloġija ammessi fis-swali tal-Mediċina Akuta fid-Dipartiment tal-Mediċina, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Konsulent Mediċina Ġenerali/Interna biex jikkura Pazjenti tal-Onkoloġija ammessi fis-swali tal-Mediċina Akuta fid-Dipartiment tal-Mediċina, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Konsultent huwa ta' Skala ta' Salarju 4, li fis-sena 2023 huwa €38,980.22 fis-sena.

2.3 Persuna fil-ħatra ta' Konsulent tirrapporta direttament liċ-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-Mediċina u l-Lead Kliniku skont l-ispeċjalità.

2.4 Persuna li tiġi maħtura tkun tista' tagħżel li taħdem fuq bażi ta' Kuntratt A jew Kuntratt B.

the process for the submission of petitions concerning the result; medical examination;

access to application forms and related details; retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

Further information about the Malta Foundation Programme can be viewed on the website of the Foundation School of Malta (https://fpmalta.gov.mt)

The website address for the Ministry for Health is https://deputyprimeminister.gov.mt, the fax number is +356 22992604 and the email address recruitment.health@gov.mt.

22nd September, 2023

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Consultant General/Internal Medicine to care for Oncology Patients admitted to Acute Medical Wards in the Department of Medicine at Mater Dei Hospital in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications for the post of Consultant General/Internal Medicine to care for Oncology Patients admitted to Acute Medical Wards in the Department of Medicine at Mater Dei Hospital, in the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Consultant is Salary Scale 4, which in the year 2023 is equivalent to, €38.980.22 per annum.

2.3 The Consultant shall report to the Clinical Chairperson, Department of Medicine and to the Lead Clinician according to specialty.

2.4 The appointee will be able to choose to work on a Contract A or B basis.

2.5 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn ta' l-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Konsulent Mediċina/ Interna biex jikkura Pazjenti tal-Onkoloġija ammessi fis-swali tal Mediċina Akuta huma li:

i. Jipprovdi kura klinika speċjalizzata tal-ogħla standard u kwalità fil-kura għall-pazjenti tal-onkoloġija ammessi fis swali tal-Mediċina Akuta u jieħu sehem fil-kompiti tad-Dipartiment kif ikunu assenjati miċ-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment waqt li jiżgura dixxiplina xierqa u ntegrità mill-ħaddiema kollha li jaħdmu fid-Dipartiment tal-Mediċina;

ii. Ikun responsabbli għall-kura ġenerali tal-pazjenti b'dijanosi onkoloġika ammessi fl-Isptar Mater Dei b'kundizzjoni medika akuta -dawn jinkludu pazjenti bi trattament onkoloġiku attiv u pazjenti li jkunu qed jiġu trattati bl-aqwa kura ta' appoġġ fejn tali pazjenti jkunu taħt il-kura maqsuma bejn il-Konsulent Kliniku Onkoloġista jew taħt il-kura ta' Konsulent fil-Mediċina Paljattiva;

iii. Jista' ikun allokat dmirijiet kemm inpatient/jew outpatient fi speċjalitajiet tal-għażla tagħhu/ha bi qbil mal-Lead Kliniku rispettiv u c-Chairperson Klinku tad-Dipartiment tal-Mediċina;

iv. Imexxi t-tim ta' professjonisti minn dixxiplini varji involuti fil-ġestjoni tal-kura għall-pazjenti tal-Onkoloġija ammessi fi swali tal-Mediċina Akuta;

v. Jipparteċipa fl-attivitàjiet tad-Dipartiment, inkluż it-tagħlim u t-taħriġ ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni, ifassal u/jew iwettaq proġetti ta' riċerka u verifika, eżerċizzji ta' assigurazzjoni ta' kwalità u attivitàjiet kliniċi oħra hekk kif delegat miċ-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment;

vi. Jipprovdi servizz speċjalizzat fl-isptarijiet oħra tal-Gvern u/jew iċ-ċentri tas-saħħa skont programmi approvati u estensjonijiet futuri tas-servizzi tas-saħħa ipprovduti taħt Skema tas-Saħħa komprensiva;

vii. Jipparteċipa fl-attivitàjiet ta' edukazzjoni medika kontinwa fil-qasam tal-kura għall-pazjenti tal-Onkoloġija, kemm lokali kif ukoll barra minn Malta;

2.5 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions or applications for a definite position.

Duties

3.1 The job duties for the post of Consultant General/ Internal Medicine to care for Oncology Patients admitted to Acute Medical Wards are:

i. Provides specialist clinical care of high standard and quality in the care for oncology patients admitted to Acute Medical Wards, and participates in the tasks of the Department as assigned by the Clinical Chairperson of the Department while ensuring proper discipline and probity from all staff working in Department of Medicine;

ii. Be responsible for the overall medical care of patients with an oncological diagnosis admitted to Mater Dei Hospital with an acute medical condition. These shall include patients on active oncological treatment and patients who are being treated with best supportive care. Such patients will also be under the shared care of either a Consultant Oncologist or Consultant in Palliative Medicine;

iii. May be allocated both inpatient/outpatient duties in their specialty of choice in agreement with the respective Clinical Lead and Chairperson of the Department of Medicine;

iv. Leads a team of professionals from various disciplines involved in the care of Oncology Patients admitted to Acute Medical Wards;

v. Participates in Departmental activities, including teaching and training of undergraduates and postgraduates, designing and/or conducting research projects and audits, quality assurance exercises and other clinical activities as delegated by the Clinical Chairperson of the Department;

vi. Provides specialized services in other Government hospitals and/or health centres in accordance with approved programmes and future extensions of the health services as provided under a comprehensive Health Scheme;

vii. Participates in continuing medical educational activities in the field of the care for Oncology patients both locally and abroad;

viii. Ma jgħamilx parti mill-on call admitting rota tal-mediċina ġenerali, iżda jibda inizjalment fuq on call rota separata ta' 1 f'6 biex idaħħal tali pazjenti. Il-Konsulenti Mediċi inizjalment jgħinu lill-kandidat appuntat waqt l-on call rota u jitrasferixxu l-pazjenti rispettivi taħt il-kura tagħhom il-ġurnata tax-xogħol li jkun imiss;

ix. Huwa mifhum li prijorità tingħata lil pazjenti tal-onkoloġija/paljattiva u li dan normalment jiġi kkunsiddrat mill-Lead Kliniku fl-ispeċjalità meta jkun qed jalloka d-dmirijiet fl-ispeċjalitajiet rispettivi. Il-pazjenti kollha li jissodisfaw tali kriterja jkunu ammessi taħt il-persuna maħtura;

x. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

xi. Iwettaq kompiti oħra li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xii. Iwettaq dmirijiet oħra hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni

3.2 Persuna appuntata tista' tkun rikjesta twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa f'Malta u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta'

Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw fil-lingwa Maltija u Ingliża;

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. Fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell MQF 6 (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fix-xjenzi naturali jew dixxiplini xjentifiċi relatati, fosthom jistgħu jinkludu Xjenza tal-Laboratorju jew Bijoloġija u Kimika.

iii. In possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent) in natural sciences or related scientific disciplines, amongst which may include Laboratory Science or Biology and Chemistry.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is

ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat. Kwalifika ta' Master f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET*.

*Kwalifika ta' Master rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm ikun ivverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Diċembru, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1

(c) Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata l-marki skont dan, jiġifieri l-bord tal-għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni uffiċjali disponibbli

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa

in a different class/career stream or in a definite position or in a lower grade/position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Master qualification at MQF Level 7, or equivalent*, must include a minimum of 90 ECTS/ECVET credits.

*A recognised Master qualification with a minimum 60 ECTS/ECVET is only accepted subject to an MQRIC formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVETS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVETS credits.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 4.1 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st December, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clauses 4.1.

(c) Marks for additional relevant qualifications may only be awarded for qualifications attained by the closing date of the call for applications. A candidate who can provide evidence that the necessary ECTS were attained by such date may be awarded marks accordingly, i.e. the selection board could opt to give one of the lower marks if substantiated by an available official transcript.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open

għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla

to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of

għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata f'laboratorju.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m.(Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

his/her current appointment from the date of submission of application.

4.8 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience in a laboratory.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 6th October, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti; bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal People Managment, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni (huma https://health.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

It-22 ta' Settembru, 2023

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Pożizzjoni ta' Allied Health Professional (Occupational Therapy) fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management) Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Allied Health Professional (Occupational Therapy) fil-Ministeru għas-Saħħa.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tlett (3) snin bħala Allied Health Professional (Occuptational Therapy) fil-Ministeru għas-Saħħa, (li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra)*.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website and email address of the receiving Division are (https://health.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt).

22nd September, 2023

MINISTRY FOR HEALTH

Position of Allied Health Professional (Occupational Therapy) in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health invites applications for the position of Allied Health Professional (Occupational Therapy) in the Ministry for Health.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a an Allied Health Professional (Occupational Therapy) in the Ministry for Health (which may be renewed for further periods)*.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Allied Health Professional (Occupational Therapy) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.4 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni definita tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti għal pożizzjonijiet definita fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn ta' l-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Allied Health Professional bid-Degree f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2023 huwa ta' €23,029.57 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €25,475.59.

Persuna fil-grad ta' Allied Health Professional li minbarra r-rekwiżit stipulat f'paragrafu 3.1, għandhom ukoll fill pussess tagħhom Master Degree f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) jew PhD f'Livell 8 tal-MQF rilevanti u rikonoxxuti, jinħatru mad-dħul bħala Senior Allied Health Professional fi Skala ta' Salarju 8 (€26,048.25 x €486.83 - €28,969.23).

3.2 Persuna fil-grad ta' Allied Health Professional titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€24,494.79 x €447.33 - €27,178.77) wara sentejn (2) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

3.3 Persuna fil-grad ta' Allied Health Professional tiġi promossa għall-grad ta' Senior Allied Health Professional fi Skala ta' Salarju 8 (€26,048.25 x €486.83 - €28,969.23) wara tliet (3) snin servizz sodisfaċenti fil-grad ta' Allied Health Professional fi Skala ta' Salarju 9.

Persuna fil-ħatra ta' Allied Health Professional li fil-kors tad-dmirijiet tagħha tikseb Postgraduate Master f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) jew PhD f'Livell 8 tal-MQF rilevan u rikonoxxuti, għandha titla' minnufih għal Skala ta' Salarju 8 bħala Senior Allied Health Professional.

3.4 Persuna fil-ħatra ta' Senior Allied Health Professional (Skala ta' Salarju 8) b'mill-inqas ħames (5) snin servizz sodisfaċenti fil-grad ta' Senior Allied Health Professional fi Skala ta' Salarju 8 u ċertifikat ta' tlestija b'suċċess tal-Competency Programme u Evaluation Framework (CAF) tiġi

2.2 The position of Allied Health Professional (Occupational Therapy) is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.4 Accepting appointment in this definite position signifies that any pending applications for definite positions within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions.

Salary Pegged to the Position

3.1 The salary for the post of Allied Health Professional with Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent) is Salary Scale 10, which in the year 2023 is equivalent to, €23,029.57 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €25,475.59.

An Allied Health Professional who in addition to the requirement stipulated in paragraph 3.1, are also in possession of a relevant and recognised Postgraduate Master Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits or equivalent) or PhD at MQF Level 8, shall on entry be immediately appointed a Senior Allied Health Professional in Salary Scale 8 (€26,048.25 x €486.83 - €28,969.23).

3.2 An Allied Health Professional will progress to Salary Scale 9 (€24,494.79 x €447.33 - €27,178.77) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

3.3 An Allied Health Professional will be promoted to the grade of Senior Allied Health Professional in Salary Scale 8 (€26,048.25 x €486.83 - €28,969.23) on completion of three (3) years satisfactory service in the grade of Allied Health Professional in Salary Scale 9.

An Allied Health Professional who in the course of his/her duties obtains a relevant and recognised Postgraduate Master Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits or equivalent) or PhD at MQF Level 8 shall immediately progress to Salary Scale 8 a Senior Allied Health Professional.

3.4 A Senior Allied Health Professional (Salary Scale 8), with at least five (5) years satisfactory service as Senior Allied Health Professional in Salary Scale 8 and certificate of successful completion of the Competency Programme and Evaluation Pramework (CAF), shall be promoted to the grade

promossa għall-grad ta' Allied Health Practitioner fi Skala ta' Salarju 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55) kemm mid-data tal-otteniment tas-snin tas-servizz stipulat kif ukoll it-tlestija b'suċċess tas-CAF.

Persuna fil-ħatra ta' Senior Allied Health Professional (Skala ta' Salarju 8) fil-pussess ta' Postgraduate Master f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) jew PhD f'Livell 8 tal-MQF rilevanti u rikonoxxuti, b'mill-inqas sentejn (2) servizz sodisfaċenti bħala Senior Allied Health Professional u ċertifikat ta' tlestija b'suċċess tal-Competency Programme u Evaluation Framework (CAF), għandhom jiġu promossi fil-grad ta' Allied Health Practitioner fi Skala ta' Salarju 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55).

Fil-każ ta' uffiċjali li ma jkollhomx iċ-ċertifikat ta' tlestija b'suċċess tal-Competency Programme u Evaluation Framework mat-tlestija ta' sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-grad, għandu jiġi promoss għal Allied Health Practitioner bilkundizzjoni li tikseb din iċ-ċertifikazzjoni fi żmien sena (1) mill-ħatra ta' Allied Health Practitioner fi Skala ta' Salarju 7. Uffiċjali li jonqsu milli jippreżentaw tali ċertifikazzjoni fil-qafas ta' żmien stipulat għandhom jerġgħu lura awtomatikament għal Senior Allied Health Professional fi Skala ta' Salarju 8.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Allied Health Professional (Occupational Therapy) jinkludu li:

i. Jippjana, Iwettaq u jevalwa servizz speċifiku tal-allied health;

ii. Jippreżenta dokumentazzjoni ċara, preċiża u fil-ħin;

iii. Jikkomunika, jaħdem id f'id effettivament ma' professjonisti oħra, individwi u gruppi ta' pazjenti, familji/carers u aġenziji oħra skont il-ħtieġa;

iv. Iżomm ruħu aġġornat fuq żviluppi u modi fil-prattika ta' professjoni speċifika tal-allied health permezz ta' studju tal-letteratura kurrenti jew billi jattendi korsijiet tal-continuous professional development disponibbli u jaddatta prattiki ta' xogħol skont evidenza l-aktar riċenti;

v. Iwettaq kwalunkwe dmirijiet oħra li jkunu meħtieġ mill-Allied Health Professional responsabbli b'rispons għall-esiġenzi tas-servizz;

vi. Jaderixxi mal-politiki u l-proċeduri kollha kif applikabbli lill-entità/entitatjiet fejn l-Allied Health Professional ikun ġie allokat;

vii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

of Allied Health Practitioner in Salary Scale 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55) as from the date of satisfaction of both the stipulated years of service and the successful certification of the CAF.

A Senior Allied Health Professional (Salary Scale 8), in possession of a recognised and relevant Postgraduate Master Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits or equivalent) or PhD a MQF Level 8 with at least two (2) years satisfactory service as Senior Allied Health Professional and certificate of successful completion of the Competency Programme and Evaluation Framework (CAF), shall be promoted to the grade of Allied Health Practitioner in Salary Scale 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55).

In the case of officers who are not in possession of the certificate of successful completion of the Competency Programme and Evaluation Framework on the completion of two (2) years satisfactory service in the grade, shall be promoted to Allied Health Practitioner on condition that s/he obtains this certification within one (1) year from appointment of Allied Health Practitioner in Salary Scale 7. Officers who fail to present such certification within the stipulated timeframe shall automatically revert to Senior Allied Health Professional in Salary Scale 8.

Duties

4.1 The duties of Allied Health Professional (Occupational Therapy) include:

i. Plans, delivers and evaluates specific allied health service;

ii. Presents clear, accurate and timely documentation;

iii. Communicates and liaises effectively with other professionals, individuals and groups of patients, family/carers and other agencies as required;

iv. Keeps up-to-date on developments and trends in the practice of the specific allied health profession by study of the current literature or by attending continuous professional development courses available and to adapt work practices according to the latest evidence;

v. Performs any other duties which may be required by the responsible Allied Health Professional in response to the exigencies of the service;

vi. Abides by all policies and procedures as applicable to the entity/entities that the Allied Health Professional is deployed to;

vii. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

viii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, li tista' tiġi kkuntattjata ukoll permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.health@gov.mt).

4.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni.

4.3 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa taħdem fuq bażi ta' xift li jinkludi xogħol billejl skont rosters stabbiliti fil-Ministeru għas-Saħħa.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi u jissodisfaw ir-rekwiżiti ddikjarati fil-paragrafi 5.1 (ii). sa 5.2. Il-ħatra ta' dawn il-kandidati tkun jeħtieġu l-ħruġ ta' liċenzja ta' impjieg safejn dan ikun meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

ii (a) proficenti fil-lingwa Maltija. Għaldaqstant, kandidati li mhumiex profiċjenti fil-lingwa Maltija xorta se jiġu kkunsidrati imma għandhom jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija qabel il-konferma tal-ħatra li hi fiż-żmien sena (1), billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 tal-Università ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment iwassal għal dan l-eżami huwa l-Kors in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta.

Kwalunkwe ħlas relatat mal-kors jew assessjar tiegħu jridu jiġu mħallsa mill-kandidati prospettivi magħżula. Madankollu, tali spejjeż jistgħu jiġu applikati biex jitħallsu lura permezz tal-iSkema tal-Continuous Professional Development (CPD).

U

(b) profiċjenti fil-lingwa Ingliża billi:

jipprovdu, sad-data tal-intervista, evidenza li l-kwalifika primarja fl-Occupational Therapy ġiet segwita bil-lingwa Ingliża;

JEW

jipprovdu, sad-data tal-intervista, ċertifikat validu tal-IELTS (international English Language Testing System) ta' band score medju ta' 6 jew ogħla f'dominji ta' komprensjoni,

viii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description of the post may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, VLT 1171, which may be contacted by email to (recruitment.health@gov.mt).

4.2 An appointee may be requested to perform duties in any of the health care services in the Government of Malta at the discretion of the management.

4.3 An appointee may be required to perform duties on a shift basis including night duties according to the established rosters in the Ministry for Health.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be Third Country Nationals and satisfy the requirements stated in paragraphs 5.1 (ii). to 5.2. The appointment of such candidates would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii)(a) proficient in the Maltese language. However, candidates who do not possess proficiency in the Maltese language will still be considered but have to provide evidence of basic proficiency in the Maltese Language before confirmation of appointment, which is within one (1) year, by being successful in the examination in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 of the University of Malta. The course officially leading to this examination is the Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 run by the Department of Maltese of the University of Malta.

Any related course and assessment fees are to be paid by prospective selected candidates. However, such expenses may be claimed through the Continuous Professional Development (CPD) Scheme.

AND

(b) proficient in the English language by:

providing proof by the interview date, that the primary Allied Health Professional qualification was undertaken in the English language;

OR

providing by the interview date, a valid certificate of IELTS (International English Language Testing System) of average band score of 6 or above in the listening, reading, writing

qari, kitba u lingwa mitkellma. Kwalifika ċċertifikata ekwivalenti għal IELTS Livell 6 (ta' band score medju ta' 6) eż. GCSE/Cambridge Grad Ċ TOEFL (IBT): 60-80, CEFR: B2 ikunu wkoll aċċettati;

JEW

billi jipprovdu dokumentazzjoni li turi tal-inqas sitt (6) xhur esperjenza ta' xogħol iċċertifikata full-time bħala Occupational Therapist rreġistrata fir-Renju Unit jew l-Irlanda jew kwalunkwe pajjiż ieħor li jitkellem l-Ingliż fejn l-Ingliż huwa l-lingwa primarja u/jew uffiċjali.

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Occupational Therapy jew kwalifika ekwivalenti, rikonoxxuta, kumparabbli U jkunu f'pussess ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni fil-Occupational Therapy mal-Kunsill ta' Professjonisti Kumplimentari għall-Mediċina f'Malta.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni ta' rikonoxximent formali MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

Uffiċjali pubbliċi jistgħu japplikaw għal grad inqas anke jekk mhux ikkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5.1, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Diċembru, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 5.1.

(c) Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq

and speaking domains. A certified equivalent qualification to IELTS (Overall Band Score 6) e.g. GCSE/ Cambridge: Grade C, TOEF (IBT): 60-80, CEFR: B2 will also be accepted.

OR

providing documentation showing at least 6-month Full Time Equivalent certified work experience as registered Occupational Therapist in the United Kingdom, Ireland or any other English Speaking country where English is the Duties Eligibility Requirements primary and/ or the official language.

iii. in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Occupational Therapy or an equivalent, recognised comparable qualification AND in posession of a certificate of registration in Occupational Therapy by the Council for Professions Complimentary to Medicine in Malta.

*A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position or in a lower grade/position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Public officers may apply for a lower grade even if not confirmed in their current appointment.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 5.1 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st December, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clauses 5.1

(c) Marks for additional relevant qualifications may only be awarded for qualifications attained by the closing date

tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata l-marki skont dan, jiġifieri l-bord tal-għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 5.1 -5.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.7 Il-ħatra ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi tkun mingħajr preġudizzju għall-applikant li jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' eliġibbiltà speċifikati f'5.1 sa 5.3 hawn fuq u jiġi mogħti

of the call for applications. A candidate who can provide evidence that the necessary ECTS were attained by such date may be awarded marks accordingly, i.e. the selection board could opt to give one of the lower marks if substantiated by an available transcript.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

by providing documentation showing at least six (6) months full-time equivalent certified work experience as registered Allied Health Professional in the United Kingdom, Ireland, or any other English speaking country where English is the primary and/or official language;

iii. In possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Dental Technology or an equivalent, recognised comparable qualification AND in possession of a certificate of registration in Dental Technology by the Council for Professions Complimentary to Medicine in Malta.

* A recognised qualification comparable to 180 eCTS/ ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

iv. Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position or in a lower grade/position. Reverse to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Master qualification at MQF Level 7, or equivalent, must compromise a minimum of 90 ECTS/ECVET credits.

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits isonly accepted subject to an MQRIC formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 4.2 (i) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st December, 2023. If this stipulated deadline for the

2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) jew 4.2 (i).

(c) Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata l-marki skont dan, jiġifieri l-bord tal-għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clauses 4.1 (iii) or 4.2 (i).

(c) Marks for additional relevant qualifications may only be awarded for qualifications attained by the closing date of the call for applications. A candidate who can provide evidence that the necessary ECTS were attained by such date may be awarded marks accordingly, i.e. the selection board could opt to give one of the lower marks if substantiated by an available transcript.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.8 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the applications, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The

massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Anzjanità Attiva permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.

maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Permanent Secretary, Ministry for Active Ageing, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 6th October, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/

gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mill-Ministeru għall-Anzjanità Attiva. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (mfaa.gov.mt) u (hr.mfaa@gov.mt).

It-22 ta' Settembru, 2023

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

Post ta' Spettur tal-Pulizija fid-Dipartiment tal-Pulizija fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Spettur tal-Pulizija, fid-Dipartiment tal-Pulizija, fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza.

Termini u Kundizzjonijet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sentejn (2) wara t-tkomplija b'suċċess tal-Eżami tal-Kwalifika (ara it-Tieni Parti tal-Proċess tal-Għażla hawn taħt).

2.2 Is-salarju ta' Spettur tal-Pulizija huwa ta' Skala ta' Salarju 8, li fis-sena 2023 huwa ta' €26,048.25 fis-sena, li jiżdied b'€486.83 fis-sena sa massimu ta' €28,969.23.

2.3 Persuna fil-grad ta' Spettur tal-Pulizija titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55) wara erba' (4) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Spettur tiġi promossa għall-grad ta' Spettur Anzjan fi Skala 6 (€29,446.19 x €596.33 - €33,024.17) wara sitt (6) snin servizz fil-grad ta' Spettur fi Skala 7, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Minħabba n-natura tax-xogħol, il-post ta' Spettur tal-Pulizija jattira wkoll allowances kif speċifikat fil-ftehim settorjali tal-Korp tal-Pulizija intitolat 'Sectoral Agreement Regulating the Conditions of Service for the Police Force, 2018.

generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Ministry for Active Ageing. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department/Division/Directorate are (mfaa.gov.mt) and (hr.mfaa@gov.mt).

22nd September, 2023

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY, REFORMS AND EQUALITY

Post of Police Inspector in the Police Department in the Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality

Nomenclatures importing the male gender include also the female gender

1. The Commissioner of Police, Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality, invites applications for the post of Police Inspector in the Police Department in the Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of two (2) years following successful completion of the Qualifying Examination (vide Part Two of the Selection Procedures below).

2.2 The salary for the post of Police Inspector is Salary Scale 8, which in the year 2023 is equivalent to €26,048.25 per annum, rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €28,969.23.

2.3 A Police Inspector will progress to Salary Scale 7 (€27,697.53 x €531.17 - €30,884.55) on completion of four (4) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 A police Inspector will be promoted to the grade of Senior Inspector in Salary Scale 6 (€29,446.19 x €596.33 - €33,024.17) on completion of six (6) years service in the grade of Police Inspector in Scale 7, subject to satisfactory performance.

2.5 Due to the nature of work, the post of Police Inspector also attracts allowances as specified in the Sectoral Agreement of the Police Force entitled 'Sectoral Agreement Regulating the Conditions of Service for the Police Force, 2018'.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

Dmirijiet

3. Wieħed jista' jara d-dmirijiet għal dan il-post ta' Spettur tal-Pulizija huma li:

i. Japplika l-liġi mingħajr diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni;

ii. Iwassal bl-eżempju, jimmotiva, jagħti struzzjonijiet ċari u jissorvelja s-subordinati b'mod diliġenti waqt li jistitwixxi proċeduri dixxiplinarju għal kull imġiba mhux xieqa minn uffiċjali subordinati;

iii. Jiżgura li d-Detail of Duties ta' kuljum jiġu fformulati b'tali mod li uffiċjali tal-pulizija jiġu assenjati biex iwettqu dmirijiet fl-aħjar interess tal-komunità li jservu iżda wkoll b'mod li uffiċjali tal-pulizija jiġu assenjati biex iwettqu dmirijiet fl-aħjar interess tal-komunità li jservu iżda wkoll b'mod li jiġġenera effettività u effiċjenza fl-operazzjonijiet tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta;

iv. Jiżgura li rondi regolari jitwettqu fi ħdan il-komunità waqt li jibni relazzjoni qawwija mal-komunità li jservi;

v. Jiżgura li tingħata tweġiba immedjata għal sejħiet għal għajnuna, anke f'każijiet fejn ir-responsabbiltà aħħarija li jipprovdi għajnuna bħal din tista' ma tkunx tal-Korp tal-Pulizijia u jaċċerta li l-vittmi tal-kriminalità jiġu ttrattati b'attenzjoni kbira u b'empatija;

vi. Iwettaq investigazzjonijiet sħaħ u bir-reqqa f'rapporti li jiġu għall-attenzjoni tiegħu/tagħha u jsewgi r-rapporti u jassigura li l-investigazzjonijiet kollha jitwettqu fl-aħjar interess tal-liġi u fil-ħin;

vii. Jagħti evidenza ċara u preċiża fil-Qorti meta mħarrek kif xieraq;

viii. Iżomm għarfien professjonali u tekniku billi jinżamm aġġornat mal-legiżlazzjoni eżistenti u kwalunkwe bidla fiha minn żmien għal żmien;

ix. Jesigwixxi r-rwol tiegħu/tagħha bħala prosekutur quddiem il-Qrati Inferjuri bi professjonalità kbira u livell għoli ta' tħejjija għall-każijiet;

x. Jiżgura li s-subordinati huma familjari ħafna u jaġixxu f'koformità mal-Politiki, Standard Operating Procedures (SOPs) u ċ-Ċirkolarijiet tal-GHQ rilevanti kollha,

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions or applications for a definite position.

Duties

3.1 The job duties for the post of Police Inspector are:

i. Applies the law without discrimination on any ground;

ii. Leads by example, motivates, gives out clear instructions and supervises subordinates diligently whilst instituting disciplinary proceedings for any undue behaviour by subordinate officers;

iii. Ensures that daily Details of Duties are formulated in such a way that police officers are assigned to carry out duties in the best interest of the community they serve but also in a way that generates effectiveness and efficiency in the operations of the Malta Police Force;

iv. Ensures that regular patrols are carried out within the community whilst building a strong relationship with the community s/he serves;

v. Ensures that an immediate response is provided to calls for assistance, even in cases where the ultimate responsibility to provide such help may not lie with the Police Force and ascertains that victims are handled with great care and empathy;

vi. Conducts full and thorough investigations into reports coming to his/her attention and follows up on reports and assures that all investigations are carried out int he best interest of the law and in a timely manner;

vii. Gives clear and accurate evidence in Court when summoned accordingly;

viii. Maintains a professional and technical knowledge awareness by keeping abreast of existing legislation and any changes thereto from time to time;

ix. Executes his/her role as a prosecutor before the inferior Courts with great professionalism and a high level of care preparedness;

x. Ensures that subordinates are highly conversant and act in compliance with all relevant Policies, Standard Operating Procedures (SOPs) and GHQ Circulars, handle police property

jimmaniġġjaw il-proprjetà tal-pulizija fdata lilhom bl-aħjar mod u li kwalunkwe tiswija meħtieġa tiġi esegwita fil-ħin waqt li tistabbilixxi relazzjonijiet ta' xogħol armonjużi ma' uffiċjali tal-pulizija li min-naħa tiegħu jtejjeb l-esprit de corps tal-Forza tal-Pulizija;

xi. Jiżgura u josserva kunfidenzjalità etika stretta fil-kors tad-dmirijiet tiegħu/tagħha waqt li jikkonforma mal-prinċipji tal-Protezzjoni tad-Dejta;

xii. Ifittex li jipproteġġi l-ambjent bħala parti mill-ġid komuni;

xiii. Jaqdi b'mod onest u effettiv id-dmirijiet kollha assenjati mill-Kummissarju tal-Pulizija jew uffiċjal superjuri ieħor;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelegalilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xv. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xvi. Kwalunkwe dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiziti tal-Eligibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a. ċittadini ta' Malta;

b. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża;

c. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*) fil-Youth and Community Studies jew Social Wellbeing Studies jew Social Policy jew Criminology jew Social Work jew Psychology jew Management jew Accounting jew Economics jew Banking jew Finance jew Legal Studies jew Science jew Social Studies jew IT jew kwalifika professjonali komparabbli. Kwalifika fil-Livell 6 tal-MQF f'suġġetti oħra minbarra dawk imsemmija jistgħu jkunu kkunsidrati.

d. għalqu t-tmintax-il (18) sena iżda mhux id-disgħa u tletin (39) sena sal-10 ta' Dicembru, 2023.

e. ta' karattru morali tajjeb u jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji. Kull applikant huwa wkoll

entrusted to them optimally and that any needed repairs are executed in a timely manner whilst establishing harmonious working relationships with fellow police officers which in turn enhances the Polices Force's esprit de corps;

xi. Ensures and observed strict ethical confidentiality in the course of his/her duties whilst complying with Data Protection principles;

xii. Seeks to protect the environment as part of the common good;

xiii. Performs honestly and effectively all the duties assigned by the Commissioner of Police or other superior officer;

xiv. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xvi. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. citizens of Malta;

b. have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c. in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVETS or equivalent*) in Youth and Community Studies or Social Wellbeing Studies or Social Policy or Criminology or Social Work or Psychology or Management or Accounting or Economics or Banking or Finance or Legal Studies or Science or Social Studies or IT or a comparable professional qualification. Qualification at MQF Leve 6 in other subjects other than the aforementioned may be considered.

d. have attained their eighteenth (18) birthday but not their thirty-nineth (39) birthday on the 10th of December, 2023.

e. be of good moral character (applicants must produce a certificate of conduct issued by the police or another competent authority not earlier than one (1) month from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details. All

mitlub sabiex jissottometti dikjarazzjoni bil-miktub rigward proċeduri kriminali u/jew dixxiplinari li ttieħdu kontrih/ha fil-passat u/jew li għadhom pendenti.

f. applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi jiġu regolati mill-policy tat-tattoos tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta li tinstab fil-ħolqa (https://pulizija.gov.mt/en/police-force/police-vacancies/Documents/POL-TAT.pdf).

g. applikazzjonijiet minn kandidati li għandhom body modification u/jew body piercing jiġu kkunisdrati skont il-każ.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabbli hija aċċetta biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Ufficjali pubblici li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Master f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*.

*Kwalifika ta' Master rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija accettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm ikun ivverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 ew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Diċembru, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 jew 4.2.

applicants will also be asked to submit a written declaration about past and/or pending criminal and disciplinary cases.

f. applications by candidates having tattoos will be regulated as per the Malta Police Force Tattoos Policy found at the link (https://pulizija.gov.mt/en/police-force/police-vacancies/Documents/POL-TAT.pdf).

g. applications by candidates having body modifications and/or body piercing will be considered on a case-by- case basis.

*A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only applicable subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public officers applying for the post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position or in a lower grade/position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Master qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 90 ECTS/ECVET credits or equivalent*.

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st December, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clauses 4.1 or 4.2.

(c) Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata l-marki skont dan, jiġifieri l-bord tal-għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jigu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Tingħata kunsiderazzjoni lil applikanti li barra mir-rekwiżiti indikati f'paragrafi 4.1 sa 4.2, għandhom esperjenza rilevanti u ppruvata.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effetiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbilità għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa tal-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġa qedin fis Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħrog is sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għal HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità

(c) Marks for additional relevant qualifications may only be awarded for qualifications attained by the closing date of the call for applications. A candidate who can provide evidence that the necessary ECTS were attained by such date may be awarded marks accordingly, i.e. the selection board could opt to give one of the lower marks if substantiated by an available transcript.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Due consideration will be given to applicants who besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.2 above, have proven relevant work experience.

4.4 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.5 Applicants must be of good conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from date of application and state whether they have been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities,

pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.8 Din is-sejħa pubblika qed tiġi ppubblikata fl-istess waqt ma' sejħa dipartimentali għall-post ta' Spettur fil-Korp tal-Pulizija kif ippubblikata nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru, 2023, permezz taċ-ċirkulari numru HR/Pol/5/2023. Applikanti li jgħaddu taħt is-sejħa dipartimentali jingħataw preċedenza fuq dawk li jgħaddu taħt is-sejħa pubblika. Barra minn hekk, persuna tista' tiġi kkunsidrata għall-ħatra biss jekk ikun hemm vakanza fi żmien tal-validità tar-riżultat.

Sottomossjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recuritment.gov.mt) (taħt Uniformed and Security).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proceduri tal-Għażla

L-Ewwel Parti – General Ability Test/Test ta' Effiċjenza Fiżika/Eżami Mediku Preliminari/Intervista/Eżami Mediku

6.1 (i) l-applikanti se jkollhom joqgħodu għal General Ability Test (GAT). Dan il-proċess jikkonsisti f'General Ability Test (GAT) permezz ta' kompjuter, kompletament awtomatizzat, li permezz tiegħu l-applikanti jkunu assessjati fil-ħiliet verbali, numeriċi u astratti, fuq bażi tar-risposti tagħhom għal sett ta' mistoqsijiet. Il-kandidati jridu jġibu marka ta' 50% biex jgħaddu mit-test. Il-General Ability Test (GAT) ikun immexxi mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-GAT isir f'data waħda biss u f'każi eċċezzjonali d-deċiżjoni hija tal-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

(ii) Il-livell ta' prestazzjoni fit-test dwar l-abbiltà ġenerali jkun rifless b'mod proporzjonat fil-marki assenjati għall-intervista. Ikun assenjat kriterju speċifiku għal dan il-għan.

(iii) Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li, waqt il-proċess tat-test tal-abbiltà ġenerali, jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tal-istruzzjonijiet li jkunu tqassmu lill-kandidati.

(iv) Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar it-test dwar l-abbiltà ġenerali jekk tinsab xi irregolarità dwar dan it-test. Tħassir bħal dan jista' jkun tat-test kollu, ukoll as applicable, as per provisions applicable to this call for applications. (see link below)

4.8 This public call is being published in concurrence with a departmental call for the post of Police Inspector in the Police Department as published on Friday, 22nd of September, 2023, through Circular No. HR/POL/5/2023. Applicants who are successful under the departmental call will be given precedence over those who are successful under the public call. Appointment is moreover subject to the availability of vacancies within the validity period of the result.

Submission of Supporting Documentations

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) (under Uniformed and Security).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

Part One – General Ability Test/Physical Efficiency Test/Medical Test/Interview/Full Medical Test

6.1(i) Applicants will be subject to undergo a General Ability Test (GAT). This process will consist of a fully automated computer based GAT, whereby applicants will be tested in verbal, numerical and abstract ability on the basis of their response to an established set of questions. Candidates must obtain a 50% rating to pass the test. The GAT will be conducted by the Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations. Only candidates who are successful in the GAT will proceed to the next phase of the selection process. There will be one date for the GAT and in exceptional circumstances, a decision is taken by the Board of Local Public Examinations.

(ii) The level of performance in the general ability test will be proportionately reflected in the marks assigned for the interview, with a specific criterion established for such purpose.

(iii) The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the general ability test is in progress, is found guilty of misconduct or any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

(iv) The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the general ability test if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in

jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar stadju partikolari tat-test. Azzjoni fir-rigward ta' xi irregolarità/imġiba mhux xierqa waqt l-intervista tittieħed mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq rakkommandazzjoni tal-bord tal-għażla li jkun qiegħed iwwettaq l-intervisti.

(v) Id-Direttur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali, li jiġi esibit fuq in-notice board tal Edu Servizz.gov (One-Stop-Shop), Ministeru għall-Edukazzjoni, Il-Furjana, u dik taċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat, Għawdex.

(vi) Avviżi dwar il-ħruġ tar-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali jkunu maħruġa: (a) fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet li jista' jiġi aċċessat minn (https://myexams.gov.mt); u (b) permezz ta' SMS lill-kandidati li jissottomettu numru tal-telefown ċellulari validu mal-applikazzjoni tagħhom. Id-Direttur tal-Eżamijiet jibgħat ukoll ir-riżultat individwali u l-ordni ta' klassifikazzjoni tat-test tal-abbiltà ġenerali permezz ta' ittra elettronika lill-kandidati kollha li joqogħdu għall-eżami.

(vii) Minħabba li t-test tal-abbiltà ġenerali huwa kompletament awtomatizzat, petizzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rigward l-intervista biss. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bl-ebda mod ma tidħol fil-mertu tal-marki miksuba fit-test tal-abbiltà ġenerali.

(viii) Il-Perjodu ta' validità tal-GAT huwa ta' sentejn (2) minn meta joħroġ ir-riżultat ta' dan it-test.

6.2 Wara li l-kandidati jgħaddu mill-General Ability Test (GAT) ikunu jridu jagħmlu Medical Test biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post. Meta l-kandidati jgħaddu mill-Medical Test, huma jagħmlu t-test ta' Effiċjenza Fiżika, taħt bord tal-għażla maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skont l-istandards tal-Korp tal-Pulizija skont Anness B li tinstab ma' din iċ-Ċirkulari.

6.3 Wara t-Test ta' Effiċjenża Fiżika, il-kandidati jeħtieġu li jagħmlu interview strutturat. L-intervista tkun immexxija minn bord ta' selezzjoni stabbilit mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Waqt l-intervista l-kandidati, jiġu mitluba jagħtu preżentazzjoni ta' ħames (5) minuti dwar suġġett tal-għażla tagħhom. Huwa permessibli li jintuża kwalunkwe mezz sabiex jassisti il-kandidat waqt il-preżentazzjoni tiegħu, bħal pereżempju 'Power Point Presentation'.

Test fl-Effiċjenza Fizika

l-1 FAŻI: MULTI-STAGE FITNESS TEST 'BLEEP TEST 15 METERS'

It-test jibda bir-rakkomandazzjoni tal-15 Meters Multi stage fitness test imsejjaħ bħala 'bleep test' (https://www.

respect of the whole test even if the detected irregularity is in respect of a particular stage of the test. Action in respect of irregularity/misconduct during the interview will be taken by the Public Service Commission, upon a recommendation by the selection board carrying out the interviews.

(v) The Director (Examinations) will publish the result of the general ability test which will be exhibited on the notice board of the Edu Servizz.gov (One Stop Shop), Ministry for Education, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo.

(vi) Notification of the issue of the result for the general ability test will be issued: (a) on the website of the Department of Examinations, which may be accessed on (https://myexams.gov.mt); and (b) via SMS alert to candidates who submit a valid mobile phone number with their application. The Director (Examinations) will also send by email the individual result and ranking order of the general ability test to each candidate sitting for the test.

(vii) Since the general ability test is fully automated, petitions to the Public Service Commission may be made only with regard to the interview. The Public Service Commission will not enter into the merits of the marks achieved in the general ability test.

(viii) The validity period of the GAT is two (2) years from date of publication of the GAT result.

6.2 Following the successful completion of the General Abilty Test (GAT) candidates will be required to sit for the Medical Test to ascertain that they are fit for the post. Once the candidate passes the Medical Test they will undergo a Physical Efficiency Test (PET) to be held under a selection board appointed by the Commissioner of Police to ensure fitness to Police Department standards as per Annex B attached to this circular.

6.3 Following the successful completion of the PET, candidates will be required to sit for a structured interview. The interview will be conducted by a selection board established by the Police Department. During the interview candidates will also be required to deliver a five (5) minute long lecturette on a subject related to police duties. During the lecturette, applicants may use their choice of lecture aids, such as Power Point presentation.

Physical Efficiency Test

PHASE 1: MULTI-STAGE FITNESS TEST 'BLEEP TEST 15 METERS'

The test starts with the recommendation of the 15 Meters Multi stage fitness test referred to as the 'bleep test' (https://

youtube.com/watch?v=nNsVzKt5lPQ). Dan it-test huwa bbażat fuq evidenza xjentifika u huwa ddisinjat biex jaqbel mal-ħtiġijiet aerobiċi tat-Taħriġ tas-Sigurtà Personali.

Waqt li jisma' r-recording tal-Multistage Fitness Test, l-applikant għandu jiġri lejn u minn distanza ta' 15-il metru fil-ħin mal-bleeps.

Jekk jasal fil-linja tat-tarf qabel ma jinstema' l-bleep irid jistenna l-bleep qabel ma jkompli jiġri u għandu jaġġusta l-veloċità tiegħu kif xieraq.

Il-ħin bejn il-bleeps għall-ewwel huwa bil-mod (il-bleeps huma madwar seba' sekondi 'l bogħod minn xulxin) iżda jsiru aktar spissi hekk kif it-test javvanza.

Hekk kif it-test javvanza, se jkun iktar diffiċli li jlaħħaq mal-veloċità meħtieġa.

Ikun hemm penali jekk l-applikant jonqos milli jilħaq il-linja fil-bleep xieraq. Total ta' tliet (3) penali huma aċċettati bit-tielet waħda tirriżulta fit-tmiem tat-test.

It-test jinvolvi 15-metre shuttle runs b'ħin totali ta' 3 minuti u 35 sekonda. Jekk l-applikant jonqos milli jilħaq il-livell ta' 5.4 jiġi skwalifikat u ma jkomplix għat-tieni test.

It-2 FAŻI: JOB-RELATED CIRCUIT TEST

l-1 Ostaklu: L-applikant joqgħod fil-karozza tal-għassa biċ-ċinturin tas-sigurtà milbus u b'idejh fuq l-isteering. Massuffara l-applikant joħroġ mill-vettura u jiġri għal 40 metru lejn l-ewwel stazzjon.

It-2 Ostaklu: L-applikant ikollu jaqbeż barrikata tal-ilma li tkun ~ 80 cm għolja.

It-3 Ostaklu: L-applikant irid jagħmel tyre shuffle ta' tnax-il tyre.

Ir-4 Ostaklu: L-applikant irid jaqbeż minn fuq barrikata tal-pulizija.

Il-5 Ostaklu: L-applikant irid idawwar tajer ta' 50 kilo għal darbtejn.

Is-6 Ostaklu: L-applikant irid jitla' taraġ idur ma' cone u jinżel it-taraġ. Huwa importanti li mill-inqas sieq waħda titqiegħed fuq kull tarġa għat-tul kollu tat-taraġ.

Is-7 Ostaklu: L-applikant irid jiġri tul passaġġ bejn it-tajers għal 15-il metru.

www.youtube.com/watch?v=nNsVzKt5lPQ). This test is based on scientific evidence and is designed to match the aerobic demands of Personal Safety Training.

While listening to the Multistage Fitness Test recording the applicant should run to and from along the 15-meter distance in time with the bleeps.

If the applicant arrives at the end line before the bleep sounds the applicant needs to wait for the bleep before resuming running and should adjust the speed accordingly.

The timing between bleeps is slow at first (the bleeps are about seven seconds apart) but they become faster as the test progresses.

As the test progresses, it will become more difficult to keep up with the required speed.

If the applicant fails to reach line in the appropriate bleep a penalty is incurred. A total of three (3) penalties is accepted with the third one resulting in the end of test.

The test involves a 15-metre shuttle runs with a total time of 3 minutes 35 seconds. If an applicant fails to reach the level of 5.4 they will be dismissed and would not continue onto the second test.

PHASE 2: JOB-RELATED CIRCUIT TEST

Obstacle 1: Applicant would sit in patrol car with seatbelt fastened and hands on the steering wheel. On whistle person exits the vehicle and runs for 40 meters to the first station.

Obstacle 2: Applicant would have to jump a water barrikata which is ~80 cm in height.

Obstacle 3: Applicant would tyre shuffle 12 tyres.

Obstacle 4: Applicant would jump over a police barrikata.

Obstacle 5: Applicant would flip a 50 kilograms tyre twice.

Obstacle 6: Applicant would climb a flight of stairs turn around a cone and climb down the stairs. It is important that at least one foot is placed on each step for the entire flight of stairs.

Obstacle 7: Applicant would run along a path between tyres for 15 meters.

It-8 Ostaklu: L-applikant irid ikaxkar manikin ta' 50 kilo għal distanza ta' 20 metru.

Id-9 Ostaklu: L-applikant irid jitkaxkar taħt għoli ta' 60 ċentimetru għal tul ta' 4 metri.

L-applikant jispiċċa l-korsa ladarba ddoqq il-qanpiena fil-linja tat-tmiem. Jekk l-applikant jonqos milli jlesti wieħed (1) mid-disa' (9) ostakli ta' hawn fuq, jiġi skwalifikat awtomatikament. It-test irid jitlesta fi żmien massimu ta' 2 minuti u 30 sekonda.

RIMARKI OĦRA

1. Il-General Physical Intake Standards Test jinqasam f'żewġ partijiet b'perjodu ta' mistrieħ ta' 15-il minuta għal-stretching u l-idratazzjoni.

2. It-testijiet isiru fiż-żona tal-parkeġġ tal-Kumpless Ta' Kandja u l-bini tal-gymnasium. Se ssir assessjar tar-riskju sabiex timminimizza u taċċerta li r-riskji kollha tneħħew jew tnaqqsu. Persunal iċċertifikat fl-Ewwel Għajnuna se jkun fuq il-post.

3. L-applikanti kollha li jwettqu t-test għandhom jimlew Kwestjonarju ta' Preparazzjoni għall-Attività Fiżika (formola PAR-Q).

4. Għalliem tal-fiżika jkun fuq il-post matul it-test sabiex jassisti u jiżgura s-sigurtà.

5. Resit ikun disponibbli fi żmien ġimgħa għal dawk li jfallu. Ir-resits għandhom isiru b'mod sħiħ.

6.4 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.5 Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jtemm fi kwalunke ħin il-proċess ta' Spettur tal-Pulizija prospettiv fuq progress mhux suffiċjenti, nuqqas ta' mġieba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

It-Tieni Parti – Eżami ta' Kwalifika

7.1 Applikanti li jgħaddu mill-Ewwel Parti tal-proċess tal-għażla jkunu meħtieġa li jattendu lectures (part-time) organizzati mill-Akkademja tal-Pulizija tal-Forzi Dixxiplinati filgħaxija, bi tħejjija għall-Eżami tal-Kwalifika. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ta 50%.

7.2 Il-Kors għandu jikkonsisti f'suġġetti teoretiċi u prattiċi relatati mad-dmirijiet ġeneriċi tal-ispettur tal-Pulizija fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

7.3 Minbarra lectures mandatorji, sabiex jarrikkixxu l-profil, tal-kompetenza tal-Ispetturi tal-Pulizija, se jkun hemm

Obstacle 8: Applicant would drag a dummy of 50 Kilograms and 20 meters distance.

Obstacle 9: Applicant would crawl under a height of 60 centimetres for the duration of 4 meters.

Applicant finishes the course once they ring a bell at the finish line. If an applicant fails to complete one (1) of the above nine (9) stations, it is considered to be an automatic failure. The test must be completed within a maximum time of 2 minutes 30 seconds.

OTHER REMARKS

1. The General Physical Intake Standards Test will be split into two parts with a 15 Minute Rest Period for stretching and hydration.

2. The tests will be carried out at the Ta' Kandja Complex parking area and the gymnasium building. A risk assessment will be conducted so to minimise and ascertain that all risks have been removed or reduced. First-Aid Certified Personnel will be on site.

3. All applicants conducting the test must complete a Physical Activity Readiness Questionnaire (PAR-Q form).

4. A physical instructor will be on-site during the test in order to assist and ensure safety.

5. A resit will be available within a week to those who fail. Resits must be conducted in full.

6.4 Related experience and past performance of candidates will be given due consideration.

6.5 Furthermore, the Commissioner of Police can terminate at any time the process of a prospective Police Inspector upon unsatisfactory progress, misbehaviour, bad attitude or lack of motivation.

Part Two – Qualifying Examination

7.1 Applicants who are successful in Part One will be required to attend lectures (part-time) organized by the Academy for Disciplined Forces during the evening, in preparation for the Qualifying Examination. Each paper will carry a 100% weighting and the pass mark for each paper is 50%.

7.2 The Course shall consist of theoretical and practical subjects related to the general duties of the Police Inspector within the Malta Police Force.

7.3 Further to the mandatory lectures to enrich the competence profile of Police Inspectors, there will be complimentary subjects/

suġġetti/workshops kumplimentari bħala studju addizzjonali, li wieħed irid jattendi u joqgħod għal valutazzjoni fejn hu xieraq. Suġġetti kumplimentari jsiru nhar is-Sibt (nofs ta' nhar). Dawn jiġu vvalutati u riveduti b'mod indipendenti.

7.4 L-applikanti għandhom jirrispettaw il-ħin kollu l-istruzzjonijiet u r-regolamenti kif mogħtija mill-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati matul it-taħriġ tagħhom.

7.5 L-applikanti kollha għandhom jattendu għall-lectures l-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinari bi lbies smart casual.

7.6 Il-kandidati li jiġu ddikjarati li rnexxew fl-Eżami ta' Kwalifika jkunu eliġibbli biex jinħatru Spetturi tal-Pulizija bi prova għal perjodu ta' sentejn, skont in-numru ta' postijiet vakanti disponibbli.

7.7 Għall-iskop tal-ħatra, l-ordni finali tal-mertu tkun iddeterminata mill-marki totali miksuba fl-eżami ta' kwalifikazzjoni (para. 7.1)

7.8 Il-proċess għar-reviżjoni tal-karta/resit se jkun skont ir-regolamenti tal-Kors ippubblikati mill-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati. Dawk li jgħaddu mir-re-sit jingħataw marka ta' 50% u jitpoġġew f'ordni ta' mertu wara dawk il-kandidati li għaddew mill-eżamijiet kollha fl-ewwel tentattiv tagħhom.

It-Tielet Parti – Ezami ta' Konferma

8.1 Barra milli jingħataw dmirijiet normali tal-pulizija konnessi mal-grad tagħhom, l-Ispetturi tal-Pulizija maħtura bi prova, jinħtież ukoll li jattendu lectures f'suġġetti relatati mal-pulizija u materji legali inklużi fil-kors part-time organizzat mill-Università ta' Malta li jwassal għal Diploma in Policing. L-eżami finali ta' din id-Diploma jikkostitwixxi t-Tielet Parti – Eżami ta' Konferma – ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.2 Spetturi tal-Pulizija bi prova li ma jgħaddux fl-Eżami ta' Konferma msemmi fil-paragrafu 8.1, jingħataw opportunitàoħra biex jerġgħu joqogħdu għall-eżami finali tal-kors tad-Diploma. Jekk jerġgħu jeħlu, in-nomina tagħhom bħala Spetturi tal-Pulizija bi prova tiġi mitmuma ipso facto.

8.3 Spetturi tal-Pulizija bi Prova li jgħaddu mit-Tielet Parti – Eżami ta' Konferma, jiġu kkonfermati fil-ħatra tagħhom bħal Spetturi tal-Pulizija.

8.4 Spetturi tal-Pulizija huma mistennija li jservu lill-Gvern ta' Malta għall-perjodu ta' erba' (4) snin u jkunu mitluba li jagħmlu kuntratt fejn jintrabtu li jagħtu garanzija ta' twettiq ta' servizz.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

9.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern,

workshops as additional study units, that one needs to attend and sit for such assessments where it deems fit. Complimentary subjects will be delivered on Saturdays (half day). These will be assessed and reviewed independently.

7.4 Applicants should abide at all times with the instructions and regulations as imparted by the Academy for Disciplined Forces during the traineeship.

7.5 All applicants shall attend at the Academy for Disciplined Forces for the lectures wearing smart casual outfit.

7.6 Candidates who are declared as having been successful in the Qualifying Examination will be eligible to be appointed Probationary Police Inspectors for a two-year period, depending on the number of vacancies available.

7.7 For the purpose of appointment, the final order of merit will be determined by the total marks obtained in the qualifying examination (para.7.1)

7.8 The process for revision of paper/resit will be according to the Course regulations published by the Academy for Disciplined Forces. Those who pass the resit exam will be awarded a pass mark of 50% and will be placed in order of merit after those candidates who had passed all their exams in the first attempt.

Part Three – Confirmation Examination

8.1 Besides being assigned the normal police duties pertaining to their rank, Probationary Police Inspectors will, on appointment, also be required to attend lectures in policing and legal subjects comprising of the mandatory part-time University of Malta course leading to the Diploma in Policing. The final examination of this Diploma course will constitute Part Three – Confirmation Examination – of this call.

8.2 Probationary Police Inspectors who are not successful in the Confirmation Examination referred to in para 8.1 will be given another chance to re-sit the final examination of the Diploma course. If they fail again, they will have their probationary appointment terminated ipso facto.

8.3. Probationary Police Inspectors who are successful in Part Three will be confirmed in their appointment as Police Inspectors.

8.4 Police Inspectors will be required to serve Government as Inspectors of Police for a period of four (4) years and will be required to sign an appropriate undertaking to that effect.

Submission of Applications

9.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Commissioner of Police, Ministry for Home Affairs

Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt) taħt Uniformed and Security. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu tinkludi lista tal-kwalifiċi tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbgħatu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m.(Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

9.2 L-applikanti wara jiġu mitluba sabiex jattendu fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani sabiex jitkejlu u jimlew formola addizzjonali bħala parti mill-applikazzjoni. Din il-formola għandha timtela fil-preżenza tal-Uffiċjal Inkarigat mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani u/jew Uffiċjal appuntat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Zewġ (2) ritratti daqs tal-passaport huma wkoll metieġa.

9.3 Hija responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

9.4 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

9.5 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux koretti jew mhux mimlija kif suppost.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

10. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew

and National Security and Law Enforcement, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt) (under Uniformed and Security). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 13th October, 2023. A computer generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further deatils concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

9.2 Applicants will then be required to attend at the Human Resources Branch to have their height taken and fill in an Additional Information Sheet, as part of the application process. This Additional Information Sheet is to be filled in the presence of the Officer in charge Human Resources and/or another officer appointed by the Commissioner of Police. Furthermore, applicants are also to submit two (2) recent passport-sized photographs.

9.3 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

9.4 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

9.5 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date od notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

10. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be

jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (https://pulizija.gov.mt) u (hr.police@gov.mt).

It-22 ta' Settembru, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari (SLSE) miftuħa għal persuni li jixtiequ japplikaw għal sejħiet statali u mhux statali għal SLSE li m'għandhomx pass marks tas-SEC/'O Level' fil-Malti, fil-Lingwa Ingliża u/jew fil-Matematika

1.1 Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali qed jilqgħu applikazzjonijiet għal eżamijiet ta' Kwalifikazzjoni fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika għall-applikanti li huma interessati japplikaw għall-pożizzjoni ta' Learning Support Educator Supplimentari (SLSE), li m'għandhomx fil-pussess tagħhom wieħed jew aktar mir-rekwiżiti fil-Livell Ordinarju (Livell 'O' grad A-C jew 4-9) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF, fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika.

1.2 L-eliġibbiltà għall-pożizzjoni ta' SLSE hija suġġetta għall-kriterji kollha tal-eliġibbiltà fis-sejħa pubblika għal SLSE pubblikata fil-Gazetta tal-Gvern datata 22 ta' Settembru, 2023. L-applikazzjonijiet mill-applikanti għall-pożizzjoni ta' SLSE jibdew jintlaqgħu direttament u proċessati mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u kwalunkwe sejħiet maħruġa minn skejjel mhux tal-Istat.

1.3 Il-marka massima ta' kull eżami hija ta' 100 marka, b'minimu ta' pass mark ta' 50 marka.

1.4 L-eżamijiet tal-kitba se jsiru kif ġej:

Malti – it-Tlieta, 31 ta' Ottubru, 2023,

Ingliż – l-Erbgħa, l-1 ta' Novembru, 2023,

Matematika – il-Ħamis, 2 ta' Novembru, 2023.

Is-Salarju

2.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' SLSE huwa ekwivalenti għall-minimu ta' Skala ta' Salarju 15 li fl-2023 huwa ta' €16,452.64 fis-sena.

obtained from Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department are (https://pulizija.gov.mt) and (hr.police@gov.mt).

22nd September, 2022

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Qualifying Examinations for Supply Learning Support Educators (SLSE) open to persons wishing to apply for State and non-state calls of SLSE who are not in possession of a SEC/'O Level' pass mark in Maltese, English Language and/or Mathematics

1.1. The Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations invite applications for qualifying examinations in Maltese, English Language and Mathematics for applicants interested in applying for the position of Supply Learning Support Educators (SLSE) who are not in possession of the required passes in Maltese, English Language and Mathematics at Ordinary level 'O' Level (grade A-C or 4-9) and/or Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3.

1.2. Eligibility for the position of SLSE is contingent on satisfying all eligibility criteria outlined in the open call for SLSE published on Government Gazette dated 22nd September, 2023. Applications from candidates for the position of SLSE will start being received directly and processed by the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) and any non-state school/s advertising such calls.

1.3. The maximum mark for each exam is 100, with a minimum pass mark of 50 marks.

1.4. The written examinations shall be held as follows:

Maltese – Tuesday, 31st October, 2023,

English – Wednesday, 1st November, 2023,

Mathematics – Thursday, 2nd November, 2023.

Salary

2.1. The Salary attached to the position of SLSE is equivalent to the minimum of Salary Scale 15 which in year 2023 is €16,452.64 per annum.

2.2 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra kif jistgħu jkunu stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

3.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikollhom tmintax-il sena (18) jew aktar.

L-Eżamijiet tal-kitba għal SLSE fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika.

4.1 L-eżamijiet kollha (il-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika) jikkonsistu f'eżami bil-miktub għal kull suġġett. Kull eżami jkun ta' siegħa u tletin minuta (1½ siegħa) maħsub biex jevalwa l-ħiliet tal-kandidati fis-suġġett.

4.2. Il-kandidati jridu jiksbu 50 marka biex jgħaddu mill-eżami fis-suġġett/i speċifiċi.

4.3. Dawn l-eżamijiet se jsiru mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Kopja tas-sillabu tista' tiġi aċċessata minn (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

4.4 Il-kandidati jkunu meħtieġa jħallsu miżata mhux rifondibbli ta' €9.30 għal kull suġġett li għalih saret l-applikazzjoni. L-eżamijiet ta' kwalifikazzjoni għall-SLSE se jsiru f'Ottubru/Novembru 2023.

4.5. L-applikanti li diġà għandhom il-passes meħtieġa fil-Livell Ordinarju (Livell 'O' grad A-C jew 4-9) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF, fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika m'għandhomx għalfejn japplikaw għal dan/dawn l-eżami/jiet ta' kwalifikazzjoni.

4.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta b'mod sommarju kull kandidat li, waqt li jkun għaddej l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur tal-istruzzjonijiet maħruġa lill-kandidati.

4.7. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jirriserva d-dritt li jannulla l-eżami jekk tinstab xi irregolarità b'rabta ma' dan. Tali annullament jista' jkun fir-rigward tal-eżami kollu anke jekk l-irregolarità misjuba tkun fir-rigward ta' suġġett wieħed biss jew ta' stadju partikolari tal-eżami.

4.8. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet se jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub fuq in-noticeboard ta' Edu Servizz.gov (One Stop Shop) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana; u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex.

2.2. An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

Eligibility Requirements

3.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be eighteen years (18) old or older.

Written Examinations for SLSE in Maltese, English Language and Mathematics.

4.1. All examinations (Maltese, English Language and Mathematics) will consist of a written examination for each subject. Each examination will be one hour and thirty minutes (1½ hours) aimed at assessing the candidates' ability in the subject.

4.2. Candidates must obtain 50 marks to pass the qualifying examination in the subject/s applied for.

4.3. These examinations will be conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations. A copy of the syllabus can be accessed from (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

4.4. Candidates will be required to pay a non-refundable fee of €9.30 for each subject applied for. The qualifying exams for SLSE will be held in October/November 2023.

4.5. Applicants who are already in possession of the required passes in Maltese, English Language and Mathematics at Ordinary level 'O' Level (grade A-C or 4-9) and/or Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3 need not apply for this/these qualifying exam/s.

4.6. The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or any breach of the instructions issued to candidates.

4.7. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

4.8. The Registrar of Examinations will publish the result of the written examination on the noticeboard of Edu Servizz.gov (One Stop Shop) at the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana; and the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo.

4.9. Kull kandidat jirċievi r-riżultat bil-posta kif ukoll messaġġ ta' kortesija b'SMS lil dawk kollha li jipprovdu numru validu tal-mowbajl.

4.10.Talbiet għar-reviżjoni tal-karti għandhom jiġu sottomessi lir-Reġistratur tal-Eżamijiet fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 4.9. hawn fuq. L-istruzzjonijiet dwar kif tapplika għal reviżjoni tal-karta se jiġu inklużi mar-riżultat.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

5.1 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondibbli) għandhom jiġu sottomessi online fis-sit (https://myexams.gov.mt/applications/) mill-Ġimgħa, 22 ta' Settembru, 2023 sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023.

5.2 Applikanti prospettivi huma mwissija biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' xi ħsara jew staġnar fl-internet u li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-applikanti għandhom jiżguraw li wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom għandhom iżommu kopja tal-irċevuta mibgħuta lilhom permezz ta' ittra elettronika bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw sad-data u l-ħin tal-għeluq biss jekk ikollhom din l-irċevuta.

5.3. Applikazzjonijiet li ma jaslux fiż-żmien speċifikat ma jiġux ikkunsidrati.

It-22 ta' Settembru, 2023

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema ta' Equity Sharing – 2019

B'referenza għall-Iskema Equity Sharing – 2019, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Mejju, 2019, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel dawn l-emendi:

(a) Temenda Klawsola 1 biex taqra kif ġej:

1. Titolu u l-għan tal-iskema

Din l-iskema hija intiża għal applikanti li ma jistgħux jixtru r-residenza tagħhom mingħajr l-għajnuna tal-Awtorità tad-Djar. L-iskema msejħa Skema ta' Equity Sharing se tapplika għal persuni 'l fuq minn tletin (30) sena li jitħajru jixtru d-dar tagħhom billi jixtru mhux anqas minn nofs il-prezz tal-proprjetà waqt li r-rimanenti jkun irid jinxtara aktar 'il quddiem. L-Awtorità tad-Djar, min-naħa tagħha se tixtri s-sehem mhux akkwistat mill-applikanti, liema sehem ikun ta' mhux aktar

4.9. Each candidate will receive the individual result by post and a courtesy alert by SMS will be sent to all those who provide a valid mobile phone number.

4.10.Requests for revision of papers are to be submitted to the Registrar of Examinations within five (5) working days from the date of the notification mentioned in paragraph 4.9. above. Instructions on how to apply for a revision of paper will be included with the result.

Submission of Applications

5.1. Applications, together with a non-refundable examination fee of €9.30 per subject are to be submitted online on (https://myexams.gov.mt/applications/) from Friday, 22nd September, 2023 till Friday, 6th October, 2023.

5.2. Prospective applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their application since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. Applicants are to ensure that after the submission of their application a copy of the receipt of payment received through an email is to be kept for future reference. Applicants are deemed to have applied by the closing date and time only if they are in possession of this receipt.

5.3. Applications received after the closing time and date of this call for applications will not be considered.

22nd September, 2023

HOUSING AUTHORITY

Equity Sharing Scheme – 2019

With reference to Equity Sharing Scheme published in the Government Gazette of the 21st May, 2019, the Housing Authority wishes to effect the following amendments:

(a) Clause 1 to read as follows:

1. Title and aim of the scheme

This scheme is intended for those applicants who are unable to purchase their residence without the help of Housing Authority. The Scheme, entitled Equity Sharing Scheme will apply for persons over the age of thirty (30), who intend to buy their residence by purchasing at least fifty per cent of the property whilst the rest will have to be purchased by them at later stage. On the other side, the Housing Authority will purchase itself the remaining portion not purchased by the

minn nofs il-proprjetà. Wara l-għoxrin (20) sena, l-applikanti se jkollhom l-obbligu li jixtru s-sehem mixtri mill-Awtorità tad-Djar bl-istess prezz akkwistata minnha.

L-APS Bank plc, suġġett li jiġu sodisfatti l-kriterji kollha tal-Bank, se jagħti self sa massimu ta' €200,000 sabiex tinxtara proprjetà fi stat finished u abitabbli, jew fi stat shell li tista' titlesta għal stat abitabbli iżda dan biss fejn l-ispiża totali tax-xiri u l-finishing ma teċċedix €250,000.

(b) Temenda Klawsola 3 Subklawsoli (a), (c) u (h) biex jaqraw kif ġej:

3. Kundizzjonijiet tal-iskema

(a) L-Awtorità tad-Djar tiffinanzja bejn għoxrin elf ewro u mitt elf ewro (€20,000 - €100,000) għax-xiri ta' proprjetà li ma tridx teċċedi l-mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000). B'hekk l-Awtorità tad-Djar issir sid ta' parti mill-istess residenza.

(c) Applikazzjonijiet għal xiri ta' proprjetà li l-prezz tagħha jeċċedi l-mitejn elf ewro (€250,000) ma jiġux ikkunsidrati. L-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tivvaluta l-proprjetà hi biex tara jekk din il-kundizzjoni tkunx sodisfatta.

(h) Il-proprjetà li se tinxtara mill-applikanti trid tkun mibnija bil-permessi kollha rikjesti, fi stat finished u abitabbli, jew fi stat shell sakemm l-ispiża tax-xiri u l-finishing ma teċċedix €250,000;

(c) Temenda Klawsola 4 biex taqra kif ġej:

4. Applikazzjonijiet validi

Fejn l-Awtorità tad-Djar tħoss li r-residenza li tkun se tinxtara tkun għolja ħafna hija żżomm id-dritt li tibgħat perit tal-Awtorità tad-Djar biex jagħti valutazzjoni tal-post. L-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni

(d) Temenda Klawsola 16 biex taqra kif ġej:

16. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' in vigore għal perijodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta tal-Gvern u tkun imġedda awtomatikament għal perijodu ta' sena oħra sakemm ma jiġix ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern avviż li jtemm l-iskema.

applicants which should not be more than fifty percent of the property. After twenty (20) years, the applicants will be obliged to purchase the Housing Authority's share by paying the same price paid by the Authority Housing.

APS Bank plc, subject to all bank's criteria being satisfied, will be granting applicants a maximum loan up to €200,000 to purchase a property in finished and habitable state or in shell form state which can be rendered to a habitable state at the total expense of €250,000.

(b) Clause 3 sub clauses (a), (c) and (h) to read as follows:

3. Condtions of the scheme

(a) The Housing Authority will finance between twenty thousand and hundred thousand euro (€20,000 - €100,000) for the purchase of the property which should not exceed the two hundred and fifty thousand euro (€250,000). In this way, the Housing Authority becomes a part-owner of the same property.

(c) Applications for the purchase of property exceeding the two hundred fifty thousand euro (€250,000) in value, will not be considered. The Housing Authority reserves the right to inspect the property to ascertain its value.

(h) The property, which is to be purchased by the applicant, should be built in accordance with building regulations and planning permits, be in a finished and habitable state, or in shell form as long as the purchase price and the amount of the necessary finishing do not exceed €250,000.

(c) Clause 4 to read as follows:

4. Valid applications

In cases where the Housing Authority feels that the residence that is about to be purchased is very expensive, it reserves the right to send an architect from the Housing Authority in order to make a valuation of the property. The Housing Authority reserves the right to refuse any application.

(h) Clause 16 to read as follows:

16. Duration of scheme

This Scheme shall remain in force for a period of one year from the date of its publication in the Government Gazette, and shall be automatically renewed for a further period of one year unless a notice to the contrary is published in the Government Gazette indicating that the scheme has been withdrawn.

AWTORITÀ TAD-DJAR

Sussidju tal-Kera f'Residenzi Privati Mikrija Qabel l-1 ta' Ġunju 1995

B'referenza għall-Iskema Sussidju tal-Kera f'Residenzi Privati Mikrija Qabel l-1 ta' Ġunju 1995, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Gunju, 2021, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel din l-emenda:

Temenda Klawsola 10 subklawsola (d) biex taqra kif ġej:

(d) F'każ li wieħed mill-applikanti għandu inqas minn ħamsa u sittin (65) sena u jaħdem bi qligħ filwaqt li applikant ieħor għandu iżjed minn ħamsa u sittin (65) sena, id-differenza bejn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-qligħ tagħhom u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000. F'dan il-każ jiġi kkunsidrat biss id-dħul mill-impjieg.

It-22 ta' Settembru, 2023

KUNSILL LOKALI MUNXAR

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, il-Kunsill Lokali Munxar qiegħed b'dan l-avviż jippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq fil-Munxar/ix-Xlendi limiti tal-Munxar, għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttieħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma GGX009, Triq Jean De la Vallette, Ix-Xewkija.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand il-Kunsill Lokali l-Munxar billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tal-miżati amministrattivi u kull ħlas ieħor li jkun dovut.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas kif fuq stipulat fiż-żmien stipulat fil-liġi se jiġu mibjugħa, u/jew se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown (+356) 2155 8755 jew permezz ta' ittra elettronika lil (munxar.lc@gov.mt).

HOUSING AUTHORITY

Pre-1995 Private Rent Housing Subsidy

With reference to Pre-1995 Private Rent Housing Subsidy Scheme published in the Government Gazette of the 1st June, 2021, the Housing Authority wishes to effect the following amendment:

Clause 10 sub-clause (d) to read as follows:

(d) In the event that one of the applicants is under sixty-five (65) and gainfully employed while another applicant is over sixty-five (65), the difference between twenty-five percent (25%) of their earnings and the rent set by the Board is up to a maximum of €10,000. In this case, only the income from the employment will be considered.

22nd September, 2023

MUNXAR LOCAL COUNCIL

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, the Munxar Local Council is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road in Munxar/ Xlendi limits of Munxar, for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at GGX009, Triq Jean De la Vallette, Xewkija.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from the Munxar Local Council upon submission of proof of ownership and upon payment of the administration fees and other amounts that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which payments due are not paid within the time period stipulated by law will be sold and/or will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number (+356) 2155 8755 or by email to (munxar.lc@gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. tar-Reġistrazzjoni/Chassis *Registration/Chassis No.*
Ford	Transit Mk 7	Orange	10-WH-435/WFOXXXTTFX8R21307
Perodua	Kelisa	Blue	EBJ 624/VIN PM2L701S002110571

It-22 ta' Settembru, 2023

22nd September, 2023

MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR

Awtorità tal-Ippjanar

Lista ta' kuntratti tal-offerti*, kuntratti ta' kwotazzjonijiet u direct contracts mogħtija mill-Awtorità tal-Ippjanar matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022, ippubblikata skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (L.S. 601.03).

It-22 ta' Settembru, 2023

MINISTRY FOR PUBLIC WORKS AND PLANNING

Planning Authority

List of tender contracts*, quotation contracts and direct contracts awarded by Planning Authority during the period between 1st July, 2022, and 31st December, 2022, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

22nd September, 2023

Offerti/*Tenders**

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tal-Offerta *Tender Reference Number*	Titlu tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Tender Title/Subject of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	NP/PA/001/2022	Negotiated Procedure for the Acquisition, Delivery, Installation and Commissioning of Checkpoint Firewalls and Peplink Load Balancers	20/07/2022	Computime Limited	€206,420.24

*Awtoritajiet tal-Kuntratti għandhom iniżżlu kwalunkwe offerti (inkluż Design Contests u Innovation Partnerships) mogħtija lilhom mingħajr l-involviment tad-Direttorat tas-Sectoral Procurement.
**Contracting Authorities are to list any tenders (including Design Contests and Innovation Partnerships) awarded by them without the involvement of the Sectoral Procurement Directorate.*

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference Number*	Titlu tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Title/Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	CfQ 002/2022	Supply and Delivery of Recycled A4 Photocopy Paper made from 100% Recovered Paper Fibres	12/10/2022	Kasco Limited	€5,976.00

Direct Contracts

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	DO 033/2022	Provision of secretarial services	01/07/2022	Phyllis Curmi	€5,826.60
2	DO 003/2022	Supply and implementation of InsightIDR Ultimate Subscription for 3 years and InsightVM Subscription for 3 years	04/07/2022	Fonicom Ltd	€122,562.00

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
3	DO 034/2022	Supply of AutoCAD LT Desktop Subscription 1 year (x21)	14/07/2022	CAD Point Malta	€9,660.00
4	DO 009/2022	One year extension to ESRI Enterprise License Agreement	21/07/2022	GeoSYS Ltd	€50,000.00
5	DO 035/2022	Creation of logos, video adverts, artwork, animated banners, newspaper adverts and a radio spot for MSP MED PROJECT	26/07/2022	DNA Creative Studio Ltd	€9,580.00
6	DO 036/2022	Provision of ICT services	26/07/2022	Keane Borg	€5,200.00
7	DO 037/2022	Provision of ICT services	26/07/2022	Leander Pace	€5,200.00
8	DO 038/2022	PA Team Building Event	31/07/2022	Ta' Victor Restaurant	€5,754.24
9	DO 039/2022	Renewal of VMWare Site Recovery Manager 8 Enterprise (2 x 25VM Pack) for 1 year	16/08/2022	SG Solutions Ltd	€5,329.22
10	DO 040/2022	Renewal of VMWare vSphere 7 Enterprise Plus for 1 Processor for 1 year	17/08/2022	SG Solutions Ltd	€9,014.64
11	DO 041/2022	PR and Marketing Advisor	22/08/2022	Raymond de Bono	€9,776.26
12	RFQ014/2022	Supply of 5 Notebooks	24/08/2022	Intercomp Ltd	€7,182.20
13	DO 042/2022	Provision of Geomatics and Land Surveying Services	25/08/2022	Jiri Krejci	€10,000.00
14	DO 010/2022	Supply and implementation of a fibre-based internetconnection at 200/200 Mbps (1:4 CIR)	31/08/2022	GO plc	€48,500.00
15	DO 043/2022	Euro Geographics General Assembly - Gala night at Casino Maltese	06/09/2022	Corinthia Caterers Ltd	€7,118.64
16	DO 025/2022	Provision of Legal Services	12/09/2022	ProLegal Advocates	€10,000.00
17	DO 024/2022	Provision of Spatial and Geomatic Services	13/09/2022	Dr. Saviour Formosa	€9,615.00
18	RFQ020/2022	Supply of 100 LT07 Tapes	19/09/2022	MB Distribution Ltd	€6,200.00
19	DO 044/2022	Provision of secretarial and data checking services	30/09/2022	David Buttigieg	€5,746.00
20	DO 045/2022	Supply of VMWare Site Recovery Manager 8 Enterprise (25VM Pack) perpetual license	04/10/2022	SG Solutions Ltd	€9,100.00
21	DO 046/2022	Dismantling of VRF system	10/10/2022	KBL Services Ltd	€8,390.00
22	DO 047/2022	Provision of Web based training	11/10/2022	Wetransform Gmbh	€5,084.75

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
23	DO 048/2022	Rent of scaffolding, wooden trusts and formwork panels	13/10/2022	Mr Mark Vella	€6,180.00
24	DO 049/2022	Provision of ICT services	24/10/2022	Keane Borg	€8,800.00
25	DO 050/2022	Provision of ICT services	24/10/2022	Leander Pace	€8,800.00
26	DO 029/2022	Scientific market research survey in relation to the Strategic Plan for Environment and Development (SPED)	01/11/2022	Dr Vincent Marmara	€9,800.00
27	DO 051/2022	Green Your Building Billboards	01/11/2022	Striped Sox Limited	€6,800.00
28	DO 052/2022	Provision of services to Development Management Directorate	01/11/2022	Cleven Mizzi	€9,916.80
29	DO 053/2022	Support and Subscription for addiitonal VMWare Site Recovery Manager 8 Enterprise (25VM pack) for 1 year	03/11/2022	SG Solutions Ltd	€6,322.06
30	DO 030/2022	PR and Marketing Advisor	08/11/2022	Raymond de Bono	€9,776.26
31	DO 054/2022	Renewal of Cisco Identity Services Engine Virtual machine Image.	10/11/2022	Computime Ltd	€7,660.28
32	DO 055/2022	Provision of a 3 year Service Level Agreement for Dell EMC Storage Area Networks (SAN)	17/11/2022	SG Solutions Ltd	€120,000.00
33	DO 031/2022	Flow Charting of Core Business Processes	18/11/2022	IDEA Advisory Limited	€9,800.00
34	DO 056/2022	Shireburn Indigo Payroll – Subscription renewal	22/11/2022	Shireburn Software Ltd	€6,243.60
35	DO 057/2022	Provision of hale connect license including upgrade, hosting and operations	21/12/2022	Wetransform Gmbh	€9,150.00

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Sospensjoni ta' Traffiku

II-Kunsill Lokali r-Rabat jgħarraf li nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023, 156, Triq Ġorġ Borg Olivier se tkun magħluqa għat-traffiku, inkluż trasport pubbliku, mid-9.30 a.m. sat-3.30 p.m.

Uffiċjali ta' Transport Malta se jkunu fuq il-post sabiex jiddevjaw it-traffiku.

It-22 ta' Settembru, 2023

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Rabat Local Council notifies that on Monday, 9th October, 2023, 156, Triq Ġorġ Borg Olivier shall be closed for traffic, including public transport, from 9.30 a.m. till 3.30 p.m.

Transport Malta officers shall be on site to divert traffic flow.

22nd September, 2023

KUNSILL LOKALI TA' KERĊEM

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem jgħarraf illi l-pjazza msemmija hawn taħt se tkun magħluqa għat-traffiku kif ġej:

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru, 2023, minn nofsinhar sa nofsillejl, minn Pjazza Santa Luċija, Santa Luċija, Ta' Kerċem.

It-22 ta' Settembru, 2023

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jixtieq javza lill-pubbliku mill-Ġimgħa, 22 ta' Settembru, 2023 sal-Ħadd, 24 ta' Settembru, 2023, mill-10.00 a.m. 'il quddiem, se jitella' Destination North Festival.

Il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru, 2023, Dawret il-Gżejjer (minn kantuniera ma' Triq ir-Rebbiegħa sa kantuniera ma' Triq il-Ħalel), u l-Pjazza ta' Buġibba, San Pawl il-Baħar, se jkunu magħluqa għat-traffiku mit-8.00 a.m. sa nofsillejl, u mhux se jitħalla jsir parkeġġ. Mill-Ħamis, 21 ta' Settembru, 2023, mit-8.00 a.m. , sas-6.00 a.m. tat-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2023, Triq it-Trunċiera (minn Triq Għawdex sa Triq Lascaris), Triq il-Klamari u Triq it-Tartarun se jkunu magħluqa għat-traffiku u mhux se jitħalla jsir parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviz ikunu suġġet li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Settembru, 2023

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023, għal:

Avviż Nru. 44. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt tale quale f'Nru. 116, Ċentru Ċiviku, Misraħ Paola, Paola, kif muri bl-aħmar u mmarkat Shop 116 fuq il-pjanta P.D.69_93_A_2. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €18,900 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u tliet mitt ewro (€6,300) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

TA' KERĊEM LOCAL COUNCIL

The Ta' Kerċem Local Council notifies that the following square will be closed for traffic as follows:

On Friday, 13th October, 2023, from noon till midnight, through Santa Luċija Square, Santa Luċija, Ta' Kerċem.

22nd September, 2023

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that from Friday, 22nd September, 2023 till Sunday 24th September, 2023, from 10.00a.m. onwards, it will be organising Destination North Festival.

On Friday, 22nd September, 2023, Dawret il-Gzejjer (c/w Triq ir-Rebbiegħa to c/w Triq il-Ħalel), and Buġibba Square, San Pawl il-Baħar, will be closed for traffic as from 8.00 a.m. till midnight, and no vehicles will be allowed to park. From Thursday 21st September, 2023, from 8.00 a.m., until Monday, 25th September, 2023 at 6.00 a.m., Triq it-Trunċiera (from Triq Għawdex to Triq Lascaris), Triq il-Klamari and Triq it-Tartarun will be closed for traffic and no vehicles will be allowed to park.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

22nd September, 2023

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 28th September, 2023, for:

Advt No. 44. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare Shop tale quale No. 116 Civic Centre, Misraħ Paola, Paola, as shown edged in red and marked Shop 116 on plan P.D.69_93_A_2 . The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €18,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six thousand and three hundred euro (€6,300) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 45. Kiri, għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena, ta' garaxx tale quale mingħajr l-arja tiegħu f'Nru. 8, 'Appartamenti Indipendenza', Triq id-Dawl, Santa Luċija, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_82_114. Dan il-garraxx ma jistax jinxtara bl-iskema tal-garaxxijiet. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €20,649 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u tmien mija u tlieta u tmenin ewro (€6,883) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 45. Lease, for a period of fifteen (15) years, of a garage tale quale without its own airspace at No. 8 'Appartamenti Indipendenza', Triq id-Dawl, Santa Luċija, as shown edged in red on plan P.D.11_82_114. This garage cannot be bought by the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €20,649 as stipulated in the tender conditions.Offers below the amount of six thousand and eight hundred and eighty-three euro (€6,883) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 46. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale adjaċenti ma' Plott Nru. 3, Triq it-Tari, Ta' Wied Għomor fil-limiti tas-Swieqi, Is-Swieqi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0615_2. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €6,695 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u mitejn u wieħed u tletin ewro u sittin ċenteżmu (€2,231.60) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 46. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale adjacent to Plot No. 3, Triq it-Tari, Ta' Wied Għomor in the limits of Swieqi, Swieqi, as shown edged in red on the plan P.D. 2022_0615_2. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €6,695 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and two hundred and thirty-one euro and sixty cents (€2,231.60) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 47. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale adjaċenti ma' Plott Nru. 4, Triq it-Tari, Ta' Wied Għomor fil-limiti tas-Swieqi, Is-Swieqi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0615_3. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,750 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħames mija u tlieta u tmenin ewro u ħames ċenteżmi (€583.05) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 47. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale adjacent to Plot No. 4, Triq it-Tari, Ta' Wied Għomor in the limits of Swieqi, Swieqi, as shown edged in red on the plan P.D. 2022_0615_3. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,750 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five hundred and eighty-three euro and five cents (€583.05) per annum will not be considered.This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 020-4152/23. Provvista ta' 'instrument protectors sizes: small and medium', ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 15 ta' Settembru, 2023, id-data tal-għeluq ġiet estiża għat-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.

It-22 ta' Settembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 021-4160/23. Provvista ta' 'promethazine 25mg tablets u CFT 021-4161/23' Provvista ta' 'loperamide hydrochloride 2mg capsules/tablets', ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 15 ta' Settembru, 2023, id-data tal-għeluq ġiet estiża għat-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.

It-22 ta' Settembru, 2023

KUNSILL LOKALI N-NADUR

Il-Kunsill Lokali n-Nadur jgħarraf li:

Offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali n-Nadur permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 17 ta' Ottubru, 2023, għal:

Avviż Nru. NLC/11/2023. Xogħlijiet – kostruzzjoni u tlestija ta' latrina pubblika fil-ġnien pubbliku ta' San Blas bl-użu ta' żebgħa li ma tagħmilx ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jinkisbu/jitniżżlu u jintlaqgħu BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Settembru, 2023

KUNSILL LOKALI N-NADUR

Il-Kunsill Lokali n-Nadur jgħarraf li:

Kwotazzjonijiet jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali n-Nadur permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023, għal:

Kwot. Nru. NLC/15/2023. Dekorazzjonijiet tal-Milied tat-toroq fin-Nadur.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 020-4152/23. Supply of instrument protectors sizes: small and medium, published in the Government Gazette of Friday, 15th September, 2023, the closing date will be extended till Monday, 9th October, 2023.

22nd September, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 021-4160/23. Supply of promethazine 25mg tablets and CFT 021-4161/23 Supply of loperamide hydrochloride 2mg capsules/tablets, published in the Government Gazette of Friday, 15th September, 2023, the closing date will be extended till Tuesday, 10th October, 2023.

22nd September, 2023

NADUR LOCAL COUNCIL

The Nadur Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Nadur Local Council till up to 9.30 a.m. on Tuesday, 17th October, 2023, for:

Advt No. NLC/11/2023. Works – the construction and finishing of public convenience at San Blas public garden using environmentally friendly paint.

Tender documents are free of charge and may be viewed/submitted only through (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the documents will be uploaded and available to view and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

22nd September, 2023

NADUR LOCAL COUNCIL

The Nadur Local Council notifies that:

Quotations will be received by the Nadur Local Council till up to 10.00 a.m. on Tuesday, 10th October, 2023, for:

Quot. No. NLC/15/2023. Christmas street Decorations in Nadur.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet huma bla ħlas u jinkisbu/jitniżżlu u jintlaqgħu BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Settembru, 2023

Quotation documents are free of charge and may be viewed/submitted only through (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the documents will be uploaded and available to view and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

22nd September, 2023

KUNSILL LOKALI L-QALA

Il-Kunsill Lokali l-Qala jgħarraf lill-pubbliku ġenerali illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ottubru, 2023, għal:

Avviż Nru. QLLC/03/2023. Servizzi ta' open skip fil-Qala, Għawdex, b'mod li ma ssirx ħsara 'l-ambjent;

Avviż Nru. QLLC/06/2023. Knis u tindif ta' toroq urbani bl-użu ta' vettura ta' servizz b'emissjonijiet baxxi, Kunsill Lokali l-Qala.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Settembru, 2023

QALA LOCAL COUNCIL

The Qala Local Council notifies the general public that:

Tenders will be received through ePPS up to 9.30 am on Tuesday 17th October, 2023, for:

Advt No. QLLC/03/2023. Services of an open skip in Qala, Gozo in an environmentally friendly manner;

Advt No. QLLC/06/2023. Street sweeping and cleaning of urban roads using a low emission service vehicle, Qala Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

22nd September, 2023

KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA

Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Tas-Sliema permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru, 2023, għal:

Avviż Nru. SLC59-FB01/2022. Rikostruzzjoni ta' latrina pubblika tal-Bajja Ferro – Tas-Sliema.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL

The Tas-Sliema Local Council notifies that:

Tenders will be received on behalf of the Tas-Sliema Local Council, through ePPS, up to 9.30 a.m. on Friday, 27th October, 2023, for:

Advt No. SLC59-FB01/2022. Re-construction of Ferro Bay public convenience – Tas-Sliema.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-kwotazzjoni jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Settembru, 2023

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

22nd September, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1855

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-5 ta' Lulju, 2023, Rikors numru 1299/2023, minn Mario Bonnici et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mario Bonnici u Marica Concetta Marston ħut id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Paul Bonnici, ġuvni, bin il-mejtin Giuseppe Maria sive Joseph Mary Bonnici u Maria Dolores Bonnici née Mallia, imwieled is-Siġġiewi, Malta, kien residenti s-Siġġiewi, Malta, u miet is-Siġġiewi, Malta, fit-8 ta' Jannar, 2023, ta' 62 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0487560M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 15 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th July, 2023, Application number 1299/2023, by Mario Bonnici et whereby they requested that it be declared open in favour of Mario Bonnici and Marica Concetta Marston brother and sister of the decujus in equal shares between them the succession of Paul Bonnici, bachelor, son of the late Giuseppe Maria sive Joseph Mary Bonnici and Maria Dolores Bonnici née Mallia, born in Siġġiewi, Malta, resided in Siġġiewi, Malta, and died in Siġġiewi, Malta, on the 8th January, 2023, aged 62 and who held identity card number 0487560M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 15th September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1856

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-15 ta' Frar, 2023, fuq talba ta' Anna Abela ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 276/2023 fl-ismijiet Anna Abela vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 15th February, 2023, following a request by Anna Abela it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners in the records of the schedule of deposit number 276/2023 in the names Anna Abela vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 276/2023 ta' Anna Abela (KI 301280M), xebba, bint il-mejjet Lino sive Carmelo Daniel Abela u Frances née Abdilla, imwielda Ħ'Attard fl-24 ta' Ġunju, 1980, u residenti Ħal Luqa vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Anthony Borg, bin il-mejtin Gio Batta u Angela née Micallef imwieled u residenti Ħaż-Żabbar u Maria Borg mart Anthony u, bint il-mejtin Carmelo Debattisa u Maria Grazia née Mifsud, imwielda u residenti Ħaż-Żabbar, eredi mhux magħrufa ta' Catherine Cauchi u direttarji enfitewtiċi oħra mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Frar, 2023, fejn Anna Abela (KI 301280M) esponiet bir-rispett:

Illi r-rikorrenti hija l-proprjetarja tal-għelieqi, kompriżi kwalunkwe benefikat li hemm fihom, inkluż razzett u b'sienja tal-ilma u vaski, f'żona rurali, denominati Ta' Sant'Antnin, Tal-Mastru, Ta' Bur Ħummejr, Ta' Bur Lublieba, Marsaskala, li jiffurmaw territorju sħiħ li tidħol għalih minn xatba bla numru fi Triq iż-Żinżell, faċċata ta'wara nett tar-Razzett tal-Ħbiberija li qiegħed fi Triq Sant'Antnin, tal-kejl ta' ċirka 12,180mk konfinanti mill-Punent ma' Triq iż-Żinżell, mil-Lvant ma' raba' ta' Rafel Debono jew l-aventi kawża tiegħu, mill-Punent ma' raba' ta' Angelo Spiteri jew aventi kawża tiegħu, kif tidher delinjata fis-site plan hawn annessa u mmkarkata bħala Dok. AA1;

Illi din il-proprjetà ġiet akkwistata minn missier ir-rikorrenti, Lino sive Carmelo Daniel Abela permezz ta' żewġ kuntratti;

Illi, Lino sive Carmelo Daniel Abela kien akkwista permezz tal-kuntratt ta' bejgħ datat 23 ta' Frar, 1966, fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia (hawn anness u mmarkat bħala Dok. AA2) il-parti tal-art tal-kejl ta' erbat itmien xejn sigħan u ħames kejliet suġġetta għas-subċens fl-ammont ta' sitt liri, tlettax-il xelin u tmien soldi (£6.13.8) ekwivalenti għal €16.28 pagabbli lil Anthony u Maria Borg u ċ-ċens annwu u perpetwu fl-ammont ta' lira sitt xelini u erba' soldi (£1.6.4) ekwivalenti għal €3.07 pagabbli lil Catherine Cauchi jew l-aventi kawża tagħha;

Illi permezz tal-kuntratt tat-23 ta' Diċembru,1966, fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia (hawn anness u mmarkat bħala Dok. AA3), Lino sive Carmelo Daniel Abela kien akkwista tliet partijiet oħra tal-art u ċjoè l-artijiet magħrufin bħala Ta' Sant'Antnin, Tal-Mastru u ta' Bur Ħummejr, l-art magħrufa bħala Ta' Sant'Antnin tal-kejl ta' erbat itmien suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' xelin u tliet soldi (£0.13) ekwivalenti għal €0.17, l-art magħrufa bħala Tal-Mastru tal-kejl ta' tomnejn erba' sigħan u erba' kejliet suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames xelini u ħames soldi (£0.5.5) ekwivalenti għal €0.63; u l-art magħrufa bħala Ta' Bur Ħummejr tal-kejl ta' tlett itmien suġġetta għaċ-ċens

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 276/2023 in the names of Anna Abela (ID 301280M) unmarried, daughter of the late Lino sive Carmelo Daniel Abela and Frances née Abdilla, born in Ħ'Attard on the 24th June, 1980, and residing in Ħal Luqa vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Anthony Borg, son of the late Gio batta and Angela née Micallef, born and residing in Ħaż-Żabbar and Maria Borg, wife of Anthony, daughter of the late Carmelo Debattista and Maria Grazia née Mifsud, born and residing in Ħaż-Żabbar; unknown heirs of Catherine Cauchi and other unknown emphyteutical direct owners, filed in the First Hall of the Civil Court on the 9th February, 2023, the applicant Anna Abela (ID 301280M) respectfully submitted:

That the applicant is the owner of the fields, including any benefice contained therein, including a farmhouse and a water mill (noria) and ponds, in a rural area, known as Ta' Sant'Antnin, Tal-Mastru, Ta' Bur Ħummejr, of Ta' Bur Lublieba, Marsaskala, forming part of a whole territory from where one can enter to it from an unnumbered gate in Triq iż-Żinżell, opposite the very back end of Razzet tal-Ħbiberija which is found in Triq Sant'Antnin, measuring approximately 12,180 sq.m. bounded on the west by Triq iż-Żinżell, from the east by the land of Rafel Debono or his successors in title, from the west with the land of Angelo Spiteri or his successors in title, as shown delineated in the attached site plan and marked as Doc. AA1;

That this property was acquired by the applicant's father, Lino sive Carmelo Daniel Abela by means of two contracts;

That Lino sive Carmelo Daniel Abela had acquired by means of a contract of sale dated 23rd February, 1966, in the records of Notary Carmelo Lia (hereby attached and marked Doc. AA2) the part of the land covering an area of four tumoli and no sighan and five kejliet subject to sub-groundrent in the amount of six liri, thirteen shillings and eight pence (£6.13.8) equivalent to €16.28 payable to Anthony and Maria Borg and the annual and perpetual groundrent in the amount of one lira six shillings and four pence (£1.6.4) equivalent to €3.07 payable to Catherine Cauchi or her successors in title;

That by means of a contract of the 23rd December, 1966, in the records of Notary Carmelo Lia (here attached and marked as Doc. AA3), Lino sive Carmelo Daniel Abela had acquired three other parts of the land and namely the lands known as Ta' Sant'Antnin, Tal-Mastru and Ta' Bur Ħummejr, the land known as Ta' Sant'Antnin covering an area of four tumoli subject to the annual and perpetual groundrent of shilling and three pence (£0.1.3) equivalent to €0.17, the land known as Tal-Mastru covering an area of two tumoli four sigħan and four kejliet subject to the annual and perpetual groundrent of five shillings and five pence (£0.5.5) equivalent to €0.63; and the land known as ta' Bur Ħummejr

annwu u perpetu ta' tliet xelini (£0.3.0) ekwivalenti għal €0.35 kollha pagabbli lid-direttarji mhux magħrufa;

Illi Lino sive Carmelo Daniel Abela ġie nieqes fis-6 ta' April, 2019, u ħalla testment unica charta li permezz tiegħu Anna Abela ġiet innominata bħala eredi universali tal-beni tiegħu kollha, li jinkludu l-għelieqi, kompriżi kwalunkwe benefikat li hemm fihom, inkluż razzett u b'sienja tal-ilma u vaski, f'żona rurali, denominati Ta' Sant'Antnin, Tal-Mastru, Ta' Bur Ħummejr, Ta' Bur Lublieba, Marsaskala (kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis annessa u mmarkata bħala Dok. AA4);

Illi r-rikorrenti tixtieq tiprpevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha bl-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 u tifdi dan iċ-ċens;

Illi s-somma ta' €16.28 kapitalizatta bil-5% tammonta għal €325.60 pagabbli lill-eredi ta' Anthony u Maria Borg;

Illi s-somma ta' €3.07 kapitalizatta bil-5% tammonta għal €61.40 pagabbli lill-eredi ta' Catherine Cauchi jew l-aventi kawża tagħha;

Illi s-somma ta' €0.17 kapitalizatta bil-5% tammonta għal €3.40 pagabbli lid-direttarji mhux magħrufa;

Illi s-somma ta' €0.63 kapitalizatta bil-5% tammonta għal €12.60 pagabbli lid-direttarji mhux magħrufa;

Illi s-somma ta' €0.35 kapitalizatta bil-5% tammonta għal €7 pagabbli lid-direttarji mhux magħrufa;

Illi barra minn hekk, ir-rikorrenti permezz ta' din iċ-ċedola qiegħda tiddepożita wkoll l-arretrati ta' ħames snin li jammontaw għal €102.50;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma totali ta' €512.50 sabiex tiġi liberament żbankata mill-intimati, kontra r-rilaxx tas-solita riċevuta skont il-liġi.

Depożitanta: 24, Triq id-Dokkiena, Ħal Luqa
Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

covering an area of three tumoli subject to the annual and perpetual groundrent of three shillings (£0.3.0) equivalent to €0.35 all payable to the unknown direct owners;

That Lino sive Carmelo Daniel Abela died on the 6th April, 2019, and left a will unica charta by means of which Anna Abela was nominated as universal heir of all his property, which includes the fields, including any benefices therein, including a farmhouse and with water mill (noria) and ponds, in a rural area, named Sant'Antnin, Tal-Mastru, Ta' Bur Ħummejr, Ta' Bur Lublieba, Marsaskala (copy of the declaration causa mortis annexed and marked as Doc. AA4);

That the applicant wishes to avail herself of the faculty given to her by Article 1501 of Cap 16 and redeem this groundrent;

That the sum of €16.28 capitalised at 5% amounts to €325.60 payable to the heirs of Anthony and Maria Borg;

That the sum of €3.07 capitalised at 5% amounts to €61.40 payable to the heirs of Catherine Cauchi or her successors in title;

That the sum of €0.17 capitalised at 5% amounts to €3.40 payable to the unknown owners;

That the sum of €0.63 capitalised at 5% amounts to €12.60 payable to the unknown owners;

That the sum of €0.35 capitalised at 5% amounts to €7 payable to the unknown owners;

That furthermore, the applicant by means of this schedule of deposit is depositing also the arrears of five years which amount to €102.50;

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and under its authority deposits the total sum of €512.50 to be freely withdrawn by the respondents, against the release of the solace received according to law.

Applicant: 24, Triq id-Dokkiena, Ħal Luqa
Notification: Director Public Registry, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Grazio Mercieca, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 15 ta' Frar, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Grazio Mercieca, LLD, Doctor of Laws.

Today 15th February, 2023

Registry of the Superior Courts, today 15th September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1857

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2022, fuq talba ta' Romina Falzon née Aguis ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1718/2022 fl-ismijiet Romina Falzon vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1718/2022 ta' Romina Falzon née Agius, miżżewġa lil Darren Falzon, bint Emanuel Agius u Josephine née Agius, imwielda Tal-Pietà, nhar is-26 ta' Mejju, 1976, u residenti l-Mosta (KI 328776M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien (direttarji) mhux magħrufa tal-art li fuqha hemm il-fond tal-esponenti ċjoè l-appartament numru 3, Wied il-Għasel Court, Triq il-Wied kantuniera ma' Wesgħet il-Plejju, Il-Mosta, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-13 ta' Settembru, 2022, fejn Romina Falzon née Agius (KI 328776M) esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti Romina Falzon née Agius u żewġha Darren Falzon akkwistaw il-fond ċjoè l-appartament numru 3, Wied il-Għasel Court, Triq il-Wied kantuniera ma' Wesgħet il-Plejju, Il-Mosta, kif jidher mis-site plan hawn annessa u mmarkata Dok. A, mill-poter ta' Raymond Bonavia u oħrajn, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Ian Spiteri datat 29 ta' Lulju, 2010 (kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B);

Illi Romina u Darren konjuġi Falzon isseparaw il-beni tagħhom u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti permezz ta'

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 23rd September, 2022, following a request by Romina Falzon née Agius it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners in the records of the schedule of deposit number 1718/2022 in the names Romina Falzon née Agius vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1718/2022 in the names of Romina Falzon née Agius, married to Darren Falzon, daughter of Emanuel Agius and Josephine née Agius, born in Tal-Pietà on the 26th May, 1976, and residing in Mosta (ID 328776M) vs Deputy Curators to represent the unknown owners (direct) of the land on which there is the premises of the applicant that is appartment number 3, Wied il-Għasel Court, Triq il-Wied corner with Wesgħet il-Plejju, Mosta, filed in the First Hall of the Civil Court on the 13th September, 2022, the applicant Romina Falzon née Agius (ID 328776M) respectfully submitted:

That the applicants Romina Falzon née Agius and her husband Darren Falzon acquired the premises namely apartment number 3, Wied il-Għasel Court, Triq il-Wied corner with Wesgħet il-Plejju, Mosta, as shown from the site plan here attached and marked Doc. A, from the power of Raymond Bonavia and others, in virtue of a contract in the records of Notary Dr Ian Spiteri dated 29th July, 2010 (copy of the contract here attached and marked as Doc. B);

That Romina and Darren spouses Falzon separated their property and dissolved the community of acquests by means

kuntratt fl-atti tan-Nutar Brenda Jane Camilleri Vella hawn anness u mmarkat Dok, BB u għalhekk għal din il-fidwa l-esponenti qed tippreżenta ċ-ċedola waħedha;

Illi l-imsemmi Raymond Bonavia u oħrajn bnew il-blokk illi minnu tifforma parti l-proprjetà in vendita, fuq is-sit qabel okkupat mill-fond li qabel kellu n-numru uffiċjali 1 ġja numru 55 bl-isem ta' Leo Taurus, illi huma xtraw mill-poter ta' Paul u Angele konjuġi Pace, b'att tan-Nutar Carmel Mangion tat-13 ta' Lulju, 2007,

Il-konjuġi Pace kienu xtraw l-istess fond mill-poter ta' Francis Mamo, b'att tan-Nutar Joseph Spiteri tat-30 ta' Lulju, 1987;

Illi Francis Mamo kien akkwista l-fond mill-poter ta' John Mary Camilleri b'att tan-Nutar Dott. Joseph Spiteri datat 8 ta' Ġunju, 1981;

L-istess John Mary Camilleri kien bena l-fond fuq parti mill-porzjon diviż ta' art magħrufa bħala plots mhux uffiċjalment magħrufa bl-ittri B, C, D, E, F u G fuq pjanta annessa ma' att tan-Nutar Dott. Francis X. Micallef datat 9 ta' Frar, 1966, kumplessivament bil-kejl ta' ċirka 1,270mk ekwivalenti għal 289qk konfinanti mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' triq li tagħti għal Wied il-Għasel, u mil-Lbic ma' parti diviża mill-istess artijiet magħrufa bħala Tal-Ħanqa, fil-Mosta, li hu akkwista mill-poter ta' Michelangelo Gatt in forza ta' att tan-Nutar Dott Francis X. Micallef datat 21 ta' Diċembru, 1966, liema artijiet kienu suġġetti għas-subċens annwu u perpetwu ta' ħames xelini u disa' soldi kull qasba kwadra. B'hekk is-subċens li kien jiggrava din l-art jammonta għal Lm80.92 illum ekwivalenti għal €191.30;

Illi skont il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Mangion tat-13 ta' Lulju, 2007, id-dar Leo Taurus, Triq il-Wied, Il-Mosta, hija ggravata minn subċens annwu u perpetwu ta' Lm 20 illum ekwivalenti għal €46.58;

Minn riċerki ulterjui fil-provenjenza tal-imsemmija proprjetà rriżulta illi l-proprjetà kienet ġiet mogħtija b'subenfitewsi perpetwa in forza ta' żewġ atti wieħed fl-atti tan-Nutar Dott. Francis Micallef tad-19 ta' Novembru, 1961 u b'enfitewsi perpetwa fl-atti tan-Nutar Dott. Carmelo Giuseppe Vella tat-13 ta' Awwissu, 1949;

Illi għalhekk is-sit fejn hu mibni l-fond tal-esponenti huwa suġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' €46.58;

Illi l-esponenti ma tafx min huma d-direttarju u/jew l-eredi tad-direttarji. Illi għalhekk l-esponenti qiegħda

of a contract in the records of Notary Brenda Jane Camilleri Vella here attached and marked Doc. BB and thus for this redemption the applicant is presenting this schedule of deposit alone;

That the said Raymond Bonavia and others built the block of which the property on sale forms part, on the site previously occupied by the premises previously officially numbered 1 previously numbered 55 with the name Leo Taurus, which they bought from the power of Paul and Angele spouses Pace, by a deed of Notary Carmel Mangion of the 13th July, 2007,

The spouses Pace had bought the same premises from the power of Francis Mamo, by deed of Notary Joseph Spiteri of the 30th July, 1987;

That Francis Mamo acquired the premises from the power of John Mary Camilleri by deed of Notary Dr Joseph Spiteri dated 8th June, 1981;

The same John Mary Camilleri had built the premises on part of the divided portion of land known as plots not officially known with the letters B, C, D, E, F and G on a plan annexed to a deed of Notary Dr Francis X. Micallef dated 9th February, 1966, together measuring approximately 1,270 sq.m. equivalent to 289 square canes bounded on the north and east by a road leading to Wied il-Għasel, and from the south west with a divided part of the same lands known as Tal-Ħanqa, in Mosta, which he acquired from the power of Michelangelo Gatt in virtue of a deed in the records of Notary Dr Francis X. Micallef dated 21st December, 1966, which lands were subject to the annual and perpetual subgroundrent of five shillings and nine pence every square cane. Thus the sub-groundrent which aggravated this land amounts to Lm80.92 today equivalent to €191.30;

That according to the contract in the records of Notary Doctor Carmel Mangion of the 13th July, 2007, the house Leo Taurus, Valley Road, Mosta, is burdened by an annual and perpetual sub-groundrent of Lm 20 today equivalent to €46.58;

From further research of the said property it resulted that the property was given by perpetual sub-emphyteusis in virtue of two acts in the records of Notary Dr Francis Micallef of the 19th November, 1961, and by perpetual emphyteusis in the records of Notary Dr Carmelo Giuseppe Vella of the 13th August, 1949;

That thus the site where the premises of the applicant is built is subject to the annual and perpetual sub groundrent of €46.58;

That the applicant does not know who the owners and/or heirs of the owners are. That thus the applicant is together

kontestwalment ma' din iċ-ċedola ta' depożitu u fidi tipproċedi għan-nomina ta' kuraturi deputati;

Illi l-istess esponenti llum tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u hekk tifdi wkoll dak iċ-ċens surriferit illi jaggrava l-proprjetà;

Illi din il-proprjetà llum tikkostitwixxi r-residenza unika u ordinarja tal-esponenti;

Illi dan iċ-ċens fuq l-art li fuqha llum il-ġurnata hemm il-fond tal-esponenti jammonta għal €46.58 peress illi s-subċens li jaggrava l-art kollha huwa ta' ħames xelini u disa' soldi kull qasba kwadra ekwivalenti għal Lm0.28 illum €0.65 għal kull qasba kwadra. Peress illi l-fond tal-esponenti għandu kejl ta' 86mk ekwivalenti għal 19.59qk is-subċens li jaggravah huwa ta' €12.78 fis-sena kapitalizzat bir-rata ta' 5% li jammonta għal €255.60. Illi dan huwa l-aktar metodu preċiż għad-dispożizzjoni tal-esponenti sabiex tinħadem ir-rata ta' ċens li tiggrava l-fond tagħhom;

Illi l-esponenti, kontestwalment maċ-ċedola odjerna, qiegħda wkoll tiddepożita s-somma ta' €63.90 rappreżentanti l-arretrati ta' ċens dovuti għal dawn l-aħħar ħames snin.

Għaldaqstant, l-esponenti tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' €319.50 rappreżentanti.

1. Inkwantu għal €255.60 prezz tal-fidi ta' tali ċens sabiex tiġi liberament żbankata minn min għandu jedd għaliha prevja r-rilaxx ta' debita ricevuta u b'hekk tifdi ċ-ċens gravanti l-art sopradeskritta;

2. Inkwantu għal €63.90, il-ħlas taċ-ċens mis-sena 2017 sas-sena kurrenti (it-tnejn inklużi) u dan sabiex jiġu liberament mogħtija lill-intimati wara li titħalla d-debita ricevuta skont il-liġi.

Esponenti: Romina Falzon née Agius, Appartment 3, Wied il-Għasel Court, Triq il-Wied, Il-Mosta

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Artijiet, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-

with this schedule of deposit and redemption of groundrent is proceeding for the nomination of deputy curators;

That the same interpellant today wishes to avail herself of the faculty given by Article 1501 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta, and thus redeem the groundrent above referred to which aggravates the property;

That this property today constitutes the sole and ordinary residence of the applicant;

That this groundrent on the land on which today there is the premises of the applicant amounts to €46.58 because the subgroundrent which aggravates all the land is of five shillings and nine pence every square cane equivalent to Lm0.28 today €0.65 for every square cane. Since the premises of the applicant has an area of 86 sq m equivalent to 19.59 sq canes the subgroundrent which aggravates it is €12.78 per annum capitalised at the rate of 5% which amounts to €255.60. That this is the most precise method at the disposition of the applicant in order to calculate the rate of groundrent which their premises holds;

That the applicant, together with the present schedule of deposit, is also depositing the sum of €63.90 representing the arrears of groundrent due for these last five years.

Thus, the applicant calls upon this Honourable Court and under its authority deposits the sum of €319.50 representing.

1. As for €255.60 price of redemption of such groundrent to be freely withdrawn by whoever has the right to it after leaving the receipt and thus redeem the groundrent regarding the land above described;

2. As for €63.90, the payment of groundrent from the year 2017 till the current year (both inclusive) and this in order to be freely withdrawn by the respondents after leaving the relative receipt according to law.

Applicant: Romina Falzon née Agius, Apartment 3, Wied il-Għasel Court, Triq il-Wied, Mosta

Notification: Director Public Registry, Valletta

Lands Registrar, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court

Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

